# LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 325.06

## REGOLAMENTI DWAR IL-PROMOZZJONI TAN-NEGOZJU

1 ta’ Novembru, 2000

*L-AVVIŻ LEGALI 135 ta’ l-2001, kif emendat bl-Avviżi Legali 228 ta’ l-2002, 98 u 128 ta’ l-2003, 464 ta’ l-2004, 67, 228 u 370 ta’ l-2005, 192 ta’ l-2006, u 68 u 424 ta’ l-2007.*

**1.** It-titolu ta’ dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar il-Promozzjoni tan-Negozju.

Titolu.

**2.** (1) F’dawn ir-Regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort’oħra:

Tifsir.
*Emendat:*
*A.L. 228 ta’ l-2002;*
*A.L. 98 ta’ l-2003;*
*A.L. 128 ta’ l-2003;*
*A.L. 67 ta’ l-2005.*
Kap. 325.

"Att" tfisser l-Att dwar il-Promozzjoni tan-Negozju;

"intrapriża ta’ daqs medju", "intrapriża żgħira" u "mikro intrapriża" għandhom it-tifsira mogħtija lilhom fir-regolament 3;

"Korporazzjoni" tfisser:

(*a*) għal finijiet tar-regolament 11, l-*Institute for the Promotion of Small Enterprise Limited*;

(*b*) għal finijiet tar-regolament 13 u 14(1) sa (5), il-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ;

(*ċ*) għall-finijiet tar-regolamenti 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 12, 14(6) sa (9), 18, 20, 28 u 30 sa 39, il-Korporazzjoni għall-iżvilupp ta’ Malta;

u għall-finijiet tar-regolamenti l-oħra, il-kelma "Korporazzjoni" tfisser xi waħda mill-entijiet hawn fuq imsemmija skond ma jeħtieġ il-każ;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għas-Servizzi Ekonomiċi u tinkludi, fil-limitu ta’ l-awtorità mogħtija, kull persuna jew awtorità li tiġi awtorizzata għaldaqshekk minn dak il-Ministru għall-finijiet ta’ dawn ir-regolamenti;

"spiża kwalifikanti" tfisser spiża ta’ natura kapitali -

(*a*) li tkun intefqet għall-akkwist, żvilupp jew kostruzzjoni ta’ attiv tanġibbli fiss li jikkonsistu:

(i) f’art, bini jew strutturi industrijali, kompriżi mħażen u uffiċini f’bini jew strutturi industrijali, imma esklużi *showrooms*;

(ii) f’impjant u makkinarju kompriżi *computer hardware* u *software* u sistemi ta’ l-arja kondizzjonata (imma esklużi vetturi mhux kummerċjali) u *fittings* kif ukoll għamara ta’ l-uffiċċju jew vetturi kummerċjali li jistgħu jiġu ċertifikati mill-Korporazzjoni bħala essenzjali għall-implimentazzjoni ta’ proġett ta’ investiment kwalifikanti; jew

(*b*) li tkun intnefqet għall-akkwist jew l-iżvilupp ta’

teknoloġija jew *know-how* kemm jekk dan jkunx *patented* jew le,

fejn l-attiv tanġibbli jew intanġibbli msemmija fil-paragrafi (*a*) u (*b*) jintużaw fil-produzzjoni ta' l-*income* li ġej minn l-attivitajiet msemmija fl-artikolu 3(1) ta' l-Att; u

fejn l-attiv tanġibbli jew intanġibbli li fih tkun intefqet l-ispiża jinżamm għal mhux inqas minn ħames snin jew xi perjodu iqsar li l-Korporazzjoni tista' tiddeċiedi minħabba n-natura tal-proġett ta' investiment; u "proġett ta' investiment" jinkludi kwalunkwe spiża kwalifikanti li tkun intnefqet mill-kumpannija sew jekk tali spiża tintnefaq fuq perjodu ta' żmien jew le u sew jekk l-ispiża hija għal numru ta' affarijiet jew le:

Iżda fil-każ ta' dawk il-kumpanniji li ma jikkwalifikawx bħala intrapriżi ta' daqs medju jew żgħar, l-ispiża kwalifikanti skond il-paragrafu (*b*) m'għandiex teċċedi 25% ta' l-ispiża kwalifikanti totali:

Iżda wkoll l-ispiża għandha tintnefaq għat-twaqqif ta' attività ġdida, l-estensjoni jew espansjoni ta' attività eżistenti jew għall-bidu ta' attività li tinvolvi bidla fundamentali tal-prodott jew tal-proċessi ta' produzzjoni użati f'dak iż-żmien mill-kumpannija, sakemm dik l-attività titmexxa f'Malta:

Iżda wkoll l-ispiża imsemmija fil-paragrafu (a) għandha tintnefaq fuq attiv -

(i) li huma ġodda jew użati f'Malta għall-ewwel darba, iżda mhux meta l-attiv jikkonsisti f'art jew bini; u

(ii) li għalihom l-ebda benefiċċju għal fini tat-taxxa fuq l-*income* ma ingħata qabel sew taħt l-Att sew taħt xi regolamenti magħmula taħtu lil xi persuna li hija konnessa mal-kumpannija li qed titlob xi benefiċċju kontemplat f'dawn ir-regolamenti jew fl-Att; u għall-finijiet ta' dan is-subparagrafu persuna tkun kunsidrata konnessa ma' tali kumpannija jekk waħda minnhom tkun, direttament jew indirettament, tikkontrolla jew tkun is-sid benefiċjarju ta' iktar minn ħamsin fil-mija ta' l-oħra, jew it-tnejn ikunu kontrollati jew il-proprjetà benefiċjarja, sa iktar minn ħamsin fil-mija, ta' l-istess persuni:

Iżda wkoll:

(i) proprjetà immobbli taħt titolu ta' enfitewsi; u

(ii) kwalunkwe attiv akkwistat permezz ta' kuntratt ta' kiri li jistipula li l-proprjetà ta' l-attiv għandha jew tista' tiġi trasferita lill-inkwilin wara illi tkun tħallset somma speċifikata,

ikun, għal finijiet ta' din it-tifsira, meqjus bħala attiv akkwistat mill-kumpannija:

Iżda wkoll dwar l-ispiża li tintnefaq għall-akkwist ta' attivi msemmija fil-paragrafu (*b*), tali spiża trid tintnefaq fuq attiv li,

skond prinċipji ġeneralment aċċettati ta' kontjar, huma ammortizzabbli u jkunu nxtraw minn terzi persuni skond kondizzjonijiet tas-suq;

"trattament ta' skart" tfisser proċessi fiżiċi, termali, kimiċi jew bioloġiċi, inkluża s-separazzjoni, li jibdlu l-karatteristiċi ta' l-iskart sabiex jitnaqqas il-volum tiegħu jew in-natura perikoluża tiegħu, jiġi ffaċilitat l-immaniġġjar tiegħu jew jgħin għall-irkupru tiegħu, u għandha tinkludi l-immaniġġar ta' l-iskart.

(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subregolament (1), kliem u espressjonijiet użati f'dawn ir-regolamenti jkollhom, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, it-tifsira mogħtija lilhom fl-Att.

Tifsira ta' intrapriżi żgħar u medji.
*Emendat:*
*A.L. 98 ta' l-2003;*
*A.L. 228 ta' l-2005;*
*A.L. 424 ta' l-2007.*

**3.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dan is-subregolament -

(*a*) intrapriża ta' daqs medju hija intrapriża li -

(i) għandha inqas minn mitejn u ħamsin impjegat; u

(ii) għandha *turnover* annwali li ma jaqbiżx ħamsin miljun euro (50,000,000.00) jew total tal-karta tal-bilanċ li ma jaqbiżx tlieta u erbgħin miljun euro (43,000,000.00);

(*b*) intrapriża żgħira hija intrapriża li -

(i) għandha inqas minn ħamsin impjegat; u

(ii) għandha *turnover* annwali li ma jaqbiżx għaxar miljun euro (10,000,000.00) jew total tal-karta tal-bilanċ li ma jaqbiżx għaxar miljun euro (10,000,000.00);

(*ċ*) mikro intrapriża hija intrapriża li -

(i) għandha inqas minn għaxar impjegati; u

(ii) għandha *turnover* annwali li ma jaqbiżx żewġ miljun euro (2,000,000.00) jew total tal-karta tal-bilanċ li ma jaqbiżx żewġ miljun euro (2,000,000.00).

(2) Minkejja id-disposizzjonijiet tas-subregolament (1), ħlief kif imsemmi fil-proviso tas-subregolament (4)(*b*), intrapriża ma titqiesx bħala intrapriża ta' daqs medju, intrapriża żgħira jew mikro intrapriża kemm il-darba ħamsa u għoxrin fil-mija jew iżjed tal-kapital jew tal-jeddijiet ta' votazzjoni tagħha jkunu kontrollati, direttament jew indirettament, individwalment jew solidalment, minn korp pubbliku jew għadd ta' korpi pubbliċi u, għal dan il-għan, korp pubbliku jfisser u jinkludi:

(*a*) il-Gvern ta' Malta;

(*b*) kull diviżjoni jew dipartiment tal-Gvern;

(*ċ*) kull kunsill lokali imwaqqaf taħt l-Att dwar Kunsilli Lokali;

(*d*) kull korporazzjoni jew awtorità imwaqqfa b'Att tal-Parlament;

(*e*) kull entità barranija li tixbaħ lil korp pubbliku kif imsemmi fil-paragrafi ta' qabel.

(3) Sabiex jiġi stabbilit l-għadd ta' impjegati u l-limitu finanzjarju ta' intrapriża għall-fini ta' dan ir-regolament, għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet li ġejjin:

(*a*) fil-każ ta' intrapriża awtonoma, id-*data*, inkluż l-għadd ta' impjegati, għandha tiġi determinata esklużivament skond il-kontijiet ta' dik l-intrapriża;

(*b*) fil-każ ta' intrapriża li mhix awtonoma, id-*data*, inkluż l-għadd ta' impjegati, għandha tkun it-total:

(i) tad-*data* stabbilita skond il-kontijiet u *data* oħra ta' l-intrapriża jew, jekk hemm, il-kontijiet konsolidati ta' l-intrapriża jew il-konitjiet konsolidati li jinkludu l-intrapriża bis-saħħa ta' konsolidazzjoni;

(ii) id-*data* ta' kull intrapriża imsieħba ta' l-intrapriża in kwistjoni, liema somma ssir skond il-proporzjon tal-perċentwali tal-kapital jew jeddijiet ta' votazzjoni, skond liema hu l-ikbar minnhom, li kull intrapriża imsieħba bħal dik ikollha direttament fl-intrapriża in kwistjoni jew li l-intrapriża in kwistjoni ikollha f'kull intrapriża imsieħba bħal dik, skond ma jkun il-każ:

Iżda fil-każ ta' *cross holdings* għandha ssir referenza għall-ikbar fost il-*holdings*;

(iii) mija fil-mija tad-*data* ta' kull intrapriża li hija direttament jew indirettament konnessa ma' l-intrapriża in kwistjoni, sakemm ma tkunx diġà inkluża fil-kontijiet bis-saħħa ta' konsolidazzjoni;

(*ċ*) fl-applikazzjoni tal-paragrafu (*b*)(ii), id-*data* ta' intrapriża imsieħba tkun is-somma tad-*data* stabbilita skond il-kontijiet u d-*data* l-oħra tagħha, konsolidati jekk jeżistu, u mija fil-mija tad-*data* ta' kull intrapriża konnessa ma' dik l-intrapriża imsieħba, sakemm ma tkunx diġà inkluża fil-kontijiet bis-saħħa ta' konsolidazzjoni;

(*d*) fl-applikazzjoni tal-paragrafi (*b*)(iii) u (*ċ*), id-*data* ta' intrapriża konnessa għandha tkun is-somma tad-*data* li tirriżulta mill-kontijiet u *data* oħra ta' dik l-intrapriża, konsolidati jekk jeżistu, flimkien ma' perċentwali tad-*data* ta' l-intrapriżi imsieħba ta' dik l-intrapriża konnessa, jekk ikun hemm, liema perċentwali għandu jinħadem skond kif imsemmi fil-paragrafu (*b*)(ii) sakemm ma jkunx diġà inkluż, għall-inqas sa dak il-perċentwali, bis-saħħa ta' konsolidazzjoni;

(*e*) meta l-kontijiet konsolidati ma jurux l-għadd ta' impjegati ta' intrapriża, l-għadd ta' impjegati jinħadem billi jingħaddu proporzjonalment id-*data* ta' l-intrapriżi imsieħba u billi jingħaddu d-*data* ta' l-intrapriżi li jkunu konnessi ma' l-intrapriża in kwistjoni.

(4) F'dan ir-regolament -

(*a*) "intrapriża awtonoma" hija intrapriża li mhix intrapriża imsieħba jew intrapriża konnessa;

(*b*) żewġ intrapriżi jitqiesu intrapriżi imsieħba ta' xulxin kemm il-darba ma jkunux intrapriżi konnessi u jekk waħda minnhom ikollha, weħidha jew flimkien ma' intrapriża konnessa jew ma' għadd ta' intrapriżi konnessi, ħamsa u għoxrin fil-mija jew iktar tal-kapital jew tal-jeddijiet ta' votazzjoni fl-intrapriża l-oħra:

Iżda investitur li mhux konness, kemm individwalment kemm flimkien ma' oħrajn, ma' intrapriża ma jitqiesx intrapriża imsieħba ma' dik l-intrapriża, l-anqas meta jinqabeż il-perċentwali ta' ħamsa u għoxrin fil-mija imsemmi, jekk dak l-investitur ikun wieħed li jaqa' taħt xi waħda mill-kategoriji li ġejjin:

(i) korporazzjonijiet għal investimenti pubbliċi, soċjetajiet ta' kapital ta' sogru, individwi jew gruppi ta' individwi li jkollhom attività regolari f'kapital ta' sogru li jinvestu kapital ekwu f'negozji li mhumiex kwotati ("*business angels*"), sakemm l-investiment kollu ta' dawk il-*business angels* f'intrapriża waħda jkun inqas minn miljun u mitejn u ħamsin elf euro (1,250,000.00);

(ii) universitajiet jew ċentri ta' riċerka li ma jkunux imwaqqfa biex jagħmlu qligħ;

(iii) investituri istituzzjonali, inklużi fondi għall-iżvilupp reġjonali;

(iv) kunsilli lokali awtonomi li għandhom *budget* annwali ta' inqas minn għaxar miljun euro (10,000,000.00) u li għandhom inqas minn ħamest elef abitant;

(*ċ*) żewġ intrapriżi jitqiesu li huma konnessi ma' xulxin jekk ikun hemm xi waħda minn dawn ir-relazzjonijiet bejniethom:

(i) waħda minhom ikollha l-parti l-kbira tal-jeddijiet ta' votazzjoni tas-soċji jew tal-membri fl-oħra;

(ii) waħda minhom ikollha l-jedd li taħtar jew tneħħi l-parti l-kbira tal-membri tal-korp ta' amministrazzjoni, ta' *management* jew ta' superviżjoni ta' l-oħra;

(iii) waħda minnhom ikollha l-jedd li teżerċita influwenza dominanti fuq l-oħra bis-saħħa ta' ftehim li jsir ma' dik l-intrapriża l-oħra jew bis-saħħa ta' xi disposizzjoni fil-memorandum jew l-istatut ta' assoċjazzjoni tagħha;

Iżda investituri li huma mniżżla fil-proviso tal-paragrafu (*b*) ma jitqisux li jeżerċitaw influwenza dominanti jekk ma jkollhomx

x'jaqsmu, direttament jew indirettament, fil-*management* ta' l-intrapriża in kwistjoni, u dan mingħajr ħsara għall-jeddijiet tagħhom bħala *stakeholders*;

(iv) waħda minnhom, li tkun azzjonista fi jew membru ta' l-intrapriża l-oħra, tkun weħidha tikkontrolla, bis-saħħa ta' ftehim ma' azzjonisti oħra fi jew membri oħra ta' dik l-intrapriża l-oħra, il-parti l-kbira tal-jeddijiet ta' votazzjoni ta' l-azzjonisti jew tal-membri f'dik l-intrapriża;

(v) waħda minnhom tkun relatata ma' l-intrapriża l-oħra b'xi wieħed mill-modi mfissra hawn qabel permezz ta' intrapriża jew intrapriżi oħra jew bis-saħħa ta' xi wieħed mill-investituri msemmija fil-proviso għall-paragrafu (*b*);

(vi) waħda minnhom tkun relatata ma' l-intrapriża l-oħra b'xi wieħed mill-modi mfissra hawn qabel permezz ta' persuna naturali jew grupp ta' persuni naturali li jaġixxu solidalment u l-intrapriżi jkollhom l-attività jew parti mill-attività tagħhom fl-istess suq rilevanti jew f'suq li jmiss miegħu, jiġifieri, s-suq għal prodott jew servizz li jkun jiġi direttament 'il fuq jew 'l isfel mis-suq relevanti.

(5) Sabiex jiġi determinat jekk il-kondizzjonijiet imsemmija fis-subregolament (1)(*a*) u (*b*) u fis-subregolament (2)(*a*) u (*b*) humiex sodisfatti, għandha ssir riferenza għall-aħħar rapport finanzjarju approvat ta' l-intrapriża:

Iżda meta l-aħħar rapporti finanzjarji approvati tal-kumpannija ma jirreferux għall-aħħar żewġ perijodi finanzjarji ta' l-intrapriża jew jekk ir-rapporti finanzjarji ma jkunux għadhom ġew approvati d-determinazzjoni dwar jekk kumpannija tissodisfax jew le dawk il-kondizzjonijiet għandha ssir mill-Korporazzjoni fuq il-bażi ta' l-informazzjoni pprovduta mill-kumpannija u kull informazzjoni oħra li tkun għad-disposizzjoni tal-Korporazzjoni:

Iżda wkoll intrapriża tista' jew, jekk mitluba mill-Korporazzjoni, għandha, tagħmel dikjarazzjoni li hija intrapriża awtonoma, intrapriża msieħba jew intrapriża konnessa, u tinkludi d-data li għandhom x'jaqsmu mat-*thresholds* mogħtija f'dawn ir-regolamenti. Id-dikjarazzjoni tista' jew għandha, skond ma jkun il-każ, issir ukoll meta l-kapital ikun mifrux b'mod illi ma jkunx possibbli li jsir magħruf eżattament minn huma l-azzjonisti, f'liema il-każ l-intrapriża għandha tiddikjara *bona fide* jekk tistax jew ma tistax leġittimament tippresumi li mhix proprjetà fi kwota ta' ħamsa u għoxrin fil-mija jew iżjed ta' intrapriża jew ta' għadd ta' intrapriżi flimkien li jkunu konnessi ma' xulxin. Dikjarazzjonijiet bħal dawk ikunu bla ħsara għall-iskrutinji u l-investigazzjonijiet provduti fl-Att, f'dawn ir-regolamenti jew f'kull regolamenti oħra magħmulin taħt l-Att.

(6) Sabiex jiġi determinat jekk intrapriża tissodisfax il-kondizzjonijiet imsemmija fis-subregolamenti (1) u (2) -

(*a*) jekk it-*turnover* annwali ta' dik l-intrapriża jkun muri f'Euro; u

(*b*) jekk l-attiv totali ta' dik l-intrapriża jkun muri f'Euro:

Iżda l-ammont li għandu jitqies sabiex jinħadem it-*turnover* għandu jiġi kalkulat mingħajr it-taxxa fuq il-valur miżjud u taxxi indiretti oħra.

(7) Fil-każ ta' intrapriża li għaliha diġà ġie stabbilit b'referenza għar-rapporti finanzjarji tagħha għal perijodu ta' mhux inqas minn tnax il-xahar jekk tikkwalifikax bħala intrapriża ta' daqs medju, intrapriża żgħira jew mikro intrapriża, din takkwista jew titlef tali stat jekk il-kondizzjonijiet imsemmija fis-subregolamenti (1) u (2) ikunu sodisfatti jew ma jkunux iktar sodisfatti, skond ma jkun il-każ, għal żewġ perijodi ta' kontjar konsekuttivi.

(8) Għall-fini ta' dan ir-regolament -

(*a*) jitqiesu impjegati ta' intrapriża dawn li ġejjin:

(i) impjegati ta' l-intrapriża;

(ii) persuni li jaħdmu għall-intrapriża u li jkunu sottoposti għaliha u meqjusa li huma impjegati skond il-liġi li tirregola l-impieg tagħhom;

(iii) sidien diriġenti;

(iv) imsieħba li jieħdu sehem f'attività regolari ta' l-intrapriża u li jkollhom vantaġġi finanzjarji mill-intrapriża;

(*b*) apprendisti jew studenti li jitqabbdu mill-intrapriża sabiex jagħmlu taħriġ vokazzjonali bis-saħħa ta' kuntratt ta' apprendistat jew ta' taħriġ vokazzjonali ma jitqisux impjegati ta' dik l-intrapriża;

(*ċ*) l-għadd ta' impjegati *full time* jinħadem billi jiġi diviż l-għadd ta' impjegati li ħadmu *full time* ma' l-intrapriża fl-aħħar ta' kull xahar sħiħ inkluż f'perijodu ta' kontijiet, bl-għadd ta' xhur inklużi f'dak il-perijodu ta' kontijiet.

(9) Għall-finijiet tas-subregolamenti (1) u (2), in-numru ta' impjegati għandu jigi determinat billi tgħodd man-numru ta' impjegati *full-time* ir-riżultat meta tivvidi in-numru ta' sigħat li jkunu ħadmu l-impjegati li ma humiex *full-time* b'elf seba' mija u sittin:

Iżda l-impjegati li jkunu bil-*maternity leave* jew *leave* ta' ġenitur ma jitqisux li jkunu ħadmu matul iż-żmien ta' dak il-*leave*.

(10) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, jekk perijodu finanzjarju ta' kumpannija, li ma jkunx l-ewwel perijodu finanzjarju, huwa inqas jew iktar minn tnax-il xahar, l-ammonti msemmija fis-subregolament (1)(*b*) u fis-subregolament (2)(*b*) u in-numru ta' sigħat li jkunu ħadmu l-impjegati li ma humiex *full-time* kif imsemmija fis-subregolament (9) għandhom jiġu diviżi bi tlett mija u ħamsa u sittin u moltiplikat bin-numru ta' ġranet kompriżi f'dak il-perijodu ta' kontjar.

(11) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, "intrapriża" tfisser intrapriża li tmexxi kummerċ jew negozju f'Malta:

B'dan iżda dan is-subregolament m'għandux ikun applikabbli għall-iskop biex jiġi determinat jekk intrapriża tkunx intrapriża żgħira, ta' daqs medju jew mikro intrapriża sabiex jiġu stabbiliti:

(i) il-benefiċċji ta' taxxa li dik l-intrapriża għandha tkun intitolata għalihom fis-sena ta' stima 2004 u fis-snin ta' stima sussegwenti;

(ii) il-benefiċċji oħra li dik l-intrapriża għandha tkun intitolata għalihom mill-1 ta' Jannar, 2003 'il quddiem.

Rati mnaqqsa ta' taxxa fuq l-*income*. *Emendat: A.L. 228 ta' l-2002; A.L. 98 ta' l-2003.*

**4.** (1) Meta kumpannija, matul il-perijodu ta' kontjar rilevanti kollu, tissodisfa il-kondizzjonijiet imsemmija f'dan ir-regolament, il-profitti li tali kumpannija tagħmel mill-kummerċ jew negozju tagħha li tmexxi f'Malta għandhom -

(*a*) b'effett mis-sena ta' stima li minnha d-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament japplikaw u għas-sitt snin ta' stima sussegwenti, ikunu soġġetti għat-taxxa fuq l-*income* bir-rata ta' 5%;

(*b*) għas-sitt snin ta' stima li jiġu minnufih wara s-snin ta' stima stabbiliti skond il-paragrafu (*a*), ikunu soġġetti għat-taxxa fuq l-*income* bir-rata ta' 10%;

(*ċ*) għall-ħames snin ta' stima li jiġu minnufih wara s-snin ta' stima stabbiliti skond il-paragrafi (a) u (b), ikunu soġġetti għat-taxxa fuq l-*income* bir-rata ta' 15%:

Iżda l-aħħar sena ta' stima li għaliha għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandha tkun is-sena ta' stima 2021:

Iżda wkoll, bla ħsara għal dak li hemm fil-proviso preċedenti, il-Korporazzjoni għandha tikkonferma lil kull kumpannija li tikkwalifika taħt dan ir-regolament, in-numru minimu ta' snin ta' stima, li m'għandhomx ikunu iktar minn għaxar snin ta' stima, li għalihom id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandhom japplikaw għal dik il-kumpannija; u il-Korporazzjoni tista', mhux iktar kmieni minn tnax-il xahar qabel it-tmiem ta' tali perijodu, iġġedded tali konferma għal perijodu ieħor ta' mhux aktar minn ħames snin:

Iżda wkoll, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' kumpannija għal xi perijodu kkonfermat mill-Korporazzjoni skond il-proviso immedjatament preċedenti, il-Ministru jista' b'avviż fil-Gazzetta jiddetermina illi l-aħħar sena ta' stima li għaliha id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandhom japplikaw għandha tkun sena ta' stima li tiġi qabel is-sena ta' stima 2021:

Iżda wkoll kumpanniji msemmija fis-subregolament (2)(*a*) ikunu eliġibbli li jħallsu t-taxxa msemmija fil-paragrafi (*b*) u (*ċ*) ta' dan is-subregolament biss u f'tali każ ir-rata ta' taxxa msemmija fil-paragrafu (*b*) tkun applikabbli għal sitt snin ta' stima b'effett mis-sena ta' stima li minnha d-disposizzjoinijiet ta' dan ir-regolament jibdew iseħħu u r-rata ta' taxxa msemmija fil-paragrafu

(*ċ*) tapplika għall-ħames snin ta' stima ta' wara.

(2) Għall-finijiet tas-subregolament (1) is-sena ta' stima li minnha d-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandhom japplikaw hija -

(*a*) is-sena ta' stima 2002, jew kwalunkwe waħda mis-sentejn ta' stima sussegwenti fil-każ ta' -

(i) kumpannija kostitwita f'Malta u li kienet teżisti fil-ġurnata li minnufih qabel id-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan ir-regolament; u

(ii) kumpannija kostitwita barra minn Malta u li kienet reġistrata bħala kumpannija barranija taħt l-Att dwar il-Kumpanniji fil-ġurnata minnufih qabel id-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan ir-regolament, Kap. 386.

kif ikun deċiż mill-kumpannija permezz ta' avviż lill-Korporazzjoni mhux iktar tard mit-30 ta' April 2003;

(*b*) kwalunkwe waħda mill-ewwel tlett snin ta' stima tal-kumpannija fil-każ ta' kull kumpannija oħra kif ikun deċiż mill-kumpannija sa l-aħħar tat-tielet sena ta' stima tagħha,

hekk iżda illi jekk tali avviż ma jingħatax sad-dati fuq imsemmija, l-ewwel sena mis-snin ta' stima disponibbli tkun l-ewwel sena ta' stima li minnha d-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament japplikaw:

Iżda meta kumpannija msemmija fil-paragrafu (*a*) tmexxi kummerċ li jikkonsisti fi proġett li għalih il-Korporazzjoni tat, qabel id-data msemmija fl-imsemmi paragrafu (*a*), l-approvazzjoni tagħha, sew jekk taħt xi kondizzjoni sew jekk le, li kumpannija li tmexxi dan il-proġett tikkwalifika għal xi inċentivi msemmija fl-artikoli 4, 5, jew 5A ta' l-Att, dik il-kumpannija, jekk ma tkunx għadha bdiet tutilizza dak l-inċentiv, tkun meqjusa bħala kumpannija li taqa' taħt il-paragrafu (*b*). Ċertifikat maħruġ mill-Korporazzjoni, li permezz tiegħu kumpannija tkun meqjusa bħala kumpannija li taqa' taħt il-paragrafu (*b*), jikkostitwixxi prova konkluživa tal-fatti hemm imsemmija għall-finijiet kollha tal-liġi u kopja ta' dak iċ-ċertifikat tingħata mill-Korporazzjoni lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni:

Iżda wkoll kumpannija li għaliha il-proviso preċedenti jirreferi tkun meqjusa bħala kumpannija li taqa' taħt il-paragrafu (*b*) sakemm tissodisfa dawk il-kondizzjonijiet kontenuti fl-hawn fuq imsemmija approvazzjoni tal-Korporazzjoni kif il-Korporazzjoni tista' tispeċifika fiċ-ċertifikat imsemmi fil-proviso preċedenti.

(3) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subregolament (4), kumpannija tikkwalifika għall-benefiċċju msemmi fis-subregolament (1) jekk il-kummerċ jew negozju tagħha f'Malta jikkonsisti biss f'xi waħda jew iktar minn dawn l-attivitajiet kwalifikanti:

(*a*) xi waħda jew iktar mill-attivitajiet imsemmija fl-Iskeda, li qed tiġi pubblikata fit-test Ingliż biss;

(*b*) it-tiswija, miljorament jew manutenzjoni ta' xi waħda

minn dawn:

(i) jottijiet jew bastimeni bil-mutur li huma mhux inqas minn tmien metri fit-tul li ma humiex użati f'kummerċ jew negozju li jikkonsisti fit-trasport ta' passiġġieri jew affarijiet imma inklużi jottijiet jew bastimenti bil-mutur li, avolja huma wżati f'tali kummerċ jew negozju, huma hekk użati għat-trasport u akkomodazzjoni ta' passiġġieri f'jottijiet jew bastimenti li m'għandhomx iktar minn tletin sodda, inġenji ta' l-ajru; makni jew tagħmir inkorporat jew użat f'tali bastimenti jew inġenji ta' l-ajru; jew komponenti ta' tali makni jew tagħmir;

(ii) turbini;

(iii) *gantry cranes*, *quay cranes*, *reach stackers*, *tug masters* u *forlifters* kbar (jew it-tagħmir tagħhom) li huma wżati għall-immaniġġar ta' *containers* ġo port;

(iv) *containers* li għandhom tul ta' ħmistax-il pied jew iktar u li jintużaw għall-ġarr ta' merkanzija;

(v) affarijiet li l-manifattura tagħhom taqa' taħt xi waħda jew iktar mill-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu (*a*) u liema affarijiet ikunu ġew manifatturati mill-kumpannija;

(*ċ*) tiswija, manutenzjoni, stallazzjoni u kummissjonar ta' sistemi elettriċi u elettroniċi għall-bastimenti;

(*d*) l-iżvilupp ta' *software*, inkluża id-*debugging* ta' *software* u l-istallazzjoni, implimentazzjoni, assistenza u manutenzjoni tas-*software* u l-għoti ta' taħriġ fuq l-użu tas-*software* fejn l-istallazzjoni, implimentazzjoni, assistenza, manutenzjoni għas-*software* jew l-għoti ta' taħriġ isir mill-kumpannija li tkun żviluppat tali *software* f'Malta jew dwar proġett speċifiku, li prinċipalment isir dwar *software* żviluppat mill-kumpannija f'Malta;

(*e*) l-iżvilupp u ż-żamma ta' informazzjoni u kontenut prinċipalment sabiex tkun imqassma internazjonalment permezz ta' *media* li għaliha hemm aċċess elettroniku inkluż l-internet, il-*world wide web*, servizzi ta' *WAP*, televiżjoni interattiva, *compact discs* u *intranet*;

(*f*) riċerka u żvilupp inkluż id-disinn jew żvilupp ta' oġġetti jew l-iżvilupp ta' proċessi jew metodi ta' produzzjoni;

(*g*) trattament ta' skart;

Kap. 334. (*h*) l-attivitajiet imsemmija fl-artikolu 11 ta' l-Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta u li jsiru f'port ħieles kif imfisser f'dak l'Att, minn kumpannija li għandha liċenza taħt dak l-Att;

(*i*) il-produzzjoni ta' produzzjonijiet awdjo viżivi li jikkonsistu f'*feature films*, films għat-televiżjoni,

programmi ta' reklamar jew reklami u dokumentarji;

(*j*) bijoteknoloġija li tikkomprendi:

(i) il-produzzjoni jew l-iżvilupp ta' proprjetà jew affarijiet oħra intellettwali; jew

(ii) l-għoti ta' servizzi,

li jirriżultaw minn, jew li għandhom x' jaqsmu ma,' l-istudju, riċerka, skoperta, applikazzjoni, modifikazzjoni jew żvilupp ta' organiżmi ħajjin jew materjali derivati minnhom:

Iżda kumpannija li tmexxi l-attivitajiet imsemmija fil-paragrafi (*g*) jew (*j*) tikkwalifika għall-benefiċċju msemmi f'dan ir-regolament biss jekk il-proġett ikun approvat mill-Korporazzjoni u l-Korporazzjoni tista', meta tagħti tali approvazzjoni, timponi dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa.

(4) Kumpannija ma tikkwalifikax għall-benefiċċju pprovdut fis-subregolament (1) jekk -

(*a*) il-kumpannija tbiegħ bl-imnut u għal dan il-għan kumpannija ma titqiesx li qiegħda tbiegħ bl-imnut jekk il-bejgħ tagħha ta' prodotti jew servizzi isiru lil:

(i) persuna li tmexxi kummerċ u il-prodotti jew servizzi mibjugħa lit-tali persuna jew jerġgħu jinbiegħu mit-tali persuna jew huma użati mit-tali persuna għal skopijiet tal-kummerċ tagħha; jew

(ii) persuna, li mhux individwu, li tuża dawk il-prodotti jew servizzi għall-iskopijiet ta' attività li tagħmel tali persuna;

(*b*) il-kummerċ jew negozju tal-kumpannija jinkludi xi waħda mill-attivitajiet li ġejjin:

(i) is-separazzjoni, l-għażla, l-ipakkjar, it-taħlit mingħajr ma jinbidel il-karattru tal-prodott, it-tnixxif, l-ittikkettjar, jew proċessi simili oħra jew kwalunkwe taħlita ta' l-imsemmija proċessi fuq prodotti li jiġu akkwistati bil-*bulk* u biss biex jippreparaw dawk l-prodotti għall-bejgħ jew għad-distribuzzjoni, esklużi dawk il-prodotti li dwarhom il-kumpannija tagħmel kwalunkwe attività oħra li hija msemmija fis-subregolament (3)(a);

(ii) l-immuntar ta' kwalunkwe prodott fejn:

(1) il-prodott finali immuntat huwa rikonoxxibbli b'mod ċar mill-komponenti individwali jew partijiet li minnhom ġie mmuntat mingħajr ma tiġi kkunsidrata kwalunkwe qoxra ta' barra tal-prodott; u

(2) il-komponenti u partijiet li minnhom ġie mmuntat il-prodott huma tali illi l-prodott huwa kważi komplut u x-xogħol ta' mmuntar u s-superviżjoni ta' tali xogħol ta' mmuntar jirrikjedi biss l-impieg ta'

ħaddiema li huma kważi kollha mhux tas-sengħa,

hekk li l-operazzjoni ta' mmuntar hija ta' natura fittizja meta tkun ikkunsidrata fid-dawl ta' l-attivitajiet ta' manifattura;

(iii) bla ħsara għas-subregolament (3)(*b*) u (*ċ*), it-tiswija, manuntenzjoni, ppreservar, miljorament, *reconditioning*, tagħmir mill-ġdid jew restawr ta' kwalunkwe prodott jew kull taħlita ta' tali attivitajiet fejn tali attivitajiet ma jimponux fuq tali prodotti tibdil fil-karattru tagħhom;

(iv) bla ħsara għas-subregolament (3)(ċ), l-istallazzjoni, ikkummissjunar jew immuntar ta' prodotti fuq il-post, fejn l-imsemmija prodotti ma kienux manifatturati mill-kumpannija li qiegħda tistalla, tikkummissjona jew timmunta il-prodotti fil-post:

Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma japplikawx għal kumpannija li tmexxi biss xi waħda jew iktar mill-attivitajiet imsemmija fil-paragrafi (*b*) sa (*j*) tas-subregolament (3):

Iżda wkoll d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma japplikawx għal kumpannija li tmexxi xi xogħol ta' immuntar bħala, jew bħala parti minn, l-attività imsemmija fis-subregolament (3)(*h*);

(*ċ*) il-kumpannija, li hija eliġibbli għall-benefiċċji msemmija fl-artikoli 4, 5 jew 5A ta' l-Att, ma rrinunzjatx, skond l-artikolu 34(2) ta' l-Att, id-dritt tagħha biex tkun eleġibbli għall-benefiċċji msemmija f'dawk l-artikoli għas-sena ta' stima in kwistjoni u għas-snin ta' stima sussegwenti:

Iżda kumpannija li ma rrinunzjatx għad-dritt tagħha li tkun eliġibbli għall-benefiċċji msemmija fl-artikoli 4, 5 u 5A ta' l-Att kif pprovdut hawn fuq tista' tieħu d-deċiżjoni tagħha skond is-subregolament (2) billi tavża l-Korporazzjoni.

(5) (*a*) Kumpannija tkun eliġibbli sabiex tikkwalifika għall-benefiċċji msemmija f'dan ir-regolament jekk jiġi deċiż li hija hekk eliġibbli mill-Korporazzjoni.

(*b*) Sabiex tkun tista' tieħu d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu (*a*), il-Korporazzjoni għandha tikkonsidra jekk, skond l-attivitajiet tagħha, il-kumpannija tissodisfax il-kondizzjonijiet msemmija fis-subregolamenti (3) u (4).

(*ċ*) Għall-finijiet tal-paragrafu (*b*), il-Korporazzjoni tista' titlob l-informazzjoni u spjegazzjonijiet li jidhrilha xieraq u tista' żżur il-post tal-kumpannija.

(*d*) Meta tkun sodisfatta illi l-kumpannija ssodisfat il-kondizzjonijiet msemmija fis-subregolamenti (3) u (4), il-Korporazzjoni għandha tagħti ċertifikat lill-

kumpannija li juri l-perijodu ta' kontjar li minnu l-kumpannija tissodisfa l-imsemmija kondizzjonijiet, u d-dritt tal-kumpannija għall-benefiċċju msemmi f'dan ir-regolament ikun taħt il-kondizzjoni illi l-istess kumpannija tipproduċi dan iċ-ċertifikat. Kopja ta' dan iċ-ċertifikat tingħata mill-Korporazzjoni lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

(*e*) Iċ-ċertifikat imsemmi fil-paragrafu (*d*) jikkostitwixxi prova *prima facie* iżda mhux konkluživa illi l-kumpannija tikkwalifika għall-benefiċċju msemmi f'dan ir-regolament.

(*f*) Il-Korporazzjoni għandha tikkomunika d-deċiżjoni tagħha jekk il-kumpannija tissodisfax il-kondizzjonijiet imsemmija fis-subregolamenti (3) u (4) fi żmien sittin ġurnata mid-data li tkun irċeviet l-informazzjoni kollha mitluba minnha sabiex tkun tista' tasal għad-deċiżjoni tagħha.

(*g*) Il-Korporazzjoni tista', kif u meta jidhrilha xieraq, titlob informazzjoni u spjegazzjonijiet minn kumpannija li jkun ingħatalha ċertifikat skond il-paragrafu (*d*), u tista' żżur il-post ta' tali kumpannija sabiex tiddetermina jekk il-kumpannija għadhiex eliġibbli biex tikkwalifika għall-benefiċċji msemmija f'dan ir-regolament.

(6) Kumpannija li tixtieq tieħu vantaġġ mill-benefiċċji msemmija f'dan ir-regolament għandha tapplika għad-deċiżjoni msemmija fis-subregolament (5) billi tissottometti applikazzjoni lill-Korporazzjoni.

(7) Kumpannija ikollha d-dritt li tibbenefika mid-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament biss jekk, meta tisottometti l-prospett għal kull sena ta' stima li għalihom qiegħda titlob benefiċċju skond dan ir-regolament, tissottometti -

(*a*) dikjarazzjoni, ffirmata mid-diretturi kollha tal-kumpannija jew mis-segretarju tal-kumpannija meta din id-dikjarazzjoni tkun approvata mill-bord tad-diretturi tal-kumpannija, li tikkonferma illi matul il-perijodu ta' kontjar rilevanti il-kummerċ jew negozju tal-kumpannija kien jikkonsisti biss fl-attivitajiet imsemmija fis-subregolament (3), u illi l-kumpannija mhiex skwalifikata milli tibbenefika mid-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament skond is-subregolament (4). Jekk id-dikjarazzjoni tkun iffirmata mis-segretarju tal-kumpannija, għandha tgħid ukoll:

(i) jekk id-diretturi kollha kienux preżenti għal-laqgħa li fiha kienet approvata d-dikjarazzjoni u, jekk mhux id-diretturi kollha kienu preżenti, jekk il-laqgħa kienitx imsejħa sew kif mitlub mill-memorandum u l-istatut ta' assoċjazzjoni tal-kumpannija;

(ii) jekk id-dikjarazzjoni kienitx approvata unanimament mid-diretturi kollha preżenti għal-

laqgħa u, jekk l-approvazzjoni ma kienitx unanima, n-numru ta' voti favur u n-numru ta' voti kontra l-mozzjoni; u

(*b*) dikjarazzjoni, ffirmata mill-awditur tal-kumpannija għall-perijodu ta' kontjar in kwistjoni, li tikkonferma li, safejn jaf u mill-aħjar li jaf, id-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu (*a*) hija korretta.

(8) Meta kumpannija (hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan is-subregolament imsejħa "kumpannija relevanti") teżerċita kummerċ jew negozju li jikkonsisti biss jew fil-parti l-kbira fis-sempliċi espansjoni, duplikazzjoni jew sostituzzjoni ta' kummerċ jew negozju li qabel kien jitmexxa f'Malta minn xi kumpannija li hija b'xi mod, dirett jew indirett, konnessa jew assoċjata mal-kumpannija relevanti permezz ta' azzjonijiet, votazzjoni jew drittijiet oħra ta' proprjetà jew ta' kontroll, irrispettivament mill-persuna li fiha kienu jew setgħu kienu vestiti dawk id-drittijiet, id-disposizzjonijiet li ġejjin ikunu applikabbli:

(*a*) meta dik il-kumpannija l-oħra tkun kumpannija li għaliha japplika s-subregolament (2)(*a*), il-kumpannija relevanti, wkoll jekk ġiet inkorporata f'Malta jew reġistrata bħala kumpannija barranija wara d-data msemmija f'dak is-subregolament, tkun meqjusa bħala kumpannija li għaliha japplika dak is-subregolament; u s-snin ta' stima msemmija fis-subregolament (1)(*b*) u (*ċ*) jibdew, għall-kumpannija relevanti, mis-sena ta' stima li minnha d-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament saru applikabbli fir-rigward tal-kumpannija l-oħra skond id-disposizzjonijiet tas-subregolament (2);

(*b*) meta dik il-kumpannija l-oħra tkun kumpannija li għaliha japplika s-subregolament (2)(*b*) u l-kumpannija relevanti hija wkoll kumpannija li għaliha japplika l-imsemmi subregolament, is-snin ta' stima msemmija fis-subregolament (1)(*a*), (*b*) u (*ċ*) jibdew, għall-kumpannija relevanti, mis-sena ta' stima li minnha id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament saru applikabbli għall-kumpannija l-oħra skond id-disposizzjonijiet tas-subregolament (2):

Iżda d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 25(3), (4) u (5) ta' l-Att għandhom japplikaw għal din il-kondizzjoni bl-istess mod li japplikaw għall-artikolu 4(1)(*ċ*) ta' l-Att.

(9) Profitti li huma ntaxxati b'rata ta' taxxa ta' l-*income* mnaqqsa kif msemmi fis-subregolament (1) għandhom, għall-finijiet ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, jiġu allokati fil-kont intaxxat f'Malta u l-artikolu 67 ta' dak l-Att ma japplikax għad-distribuzzjoni ta' tali profitti sew jekk tali distribuzzjoni ssirx jew le mill-kumpannija li tikkwalifika għall-benefiċċju msemmi f'dan ir-regolament jew minn xi kumpannija oħra li, direttament jew indirettament, tirċievi dividendi li jinkludu l-profitti li ġew intaxxati b'rata mnaqqsa skond id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament.

Kap.123.

(10) Safejn huma applikabbli, id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 25 ta' l-Att għandhom japplikaw għall-inċentiv ipprovdut f'dan ir-regolament u għal dan il-għan referenzi f'dak l-artikolu għal kumpannija kwalifikanti jinkludu referenza għal kumpannija kwalifikanti għall-benefiċċju msemmi f'dan ir-regolament; u s-subartikoli (1) u (2) tiegħu għandhom japplikaw għas-snin ta' stima kif determinati skond is-subregolamenti (1) u (2).

(11) F' dan ir-regolament "perijodu ta' kontjar relevanti" tfisser il-perijodu ta' kontjar kif determinat skond l-artikolu 11 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* li jispiċċa fis-sena li tiġi qabel is-sena ta' stima 2002 u s-snin ta' stima li jiġu wara, skond il-każ.

Krediti ta' taxxa fuq l-investiment. *Emendat: A.L. 228 ta' l-2002; A.L. 192 ta' l-2006.*

**5.** (1) Kumpannija li tikkwalifika għall-benefiċċju pprovdut mir-regolament 4 jew li kienet hekk tikkwalifika, iżda minħabba fil-fatt li s-snin ta' stima li fihom setgħet ikkwalifikat jew ma bdewx jgħaddu fuq għażla tal-kumpannija jew għaddew, hija, għas-sena ta' stima 2002 u s-snin ta' stima sussegwenti, intitolata għal kreditu ta' taxxa fuq l-investiment liema kreditu ta' taxxa, għar-rigward ta' proġett ta' investiment approvat bil-miktub mill-Korporazzjoni qabel ma dan jitwaqqaf, jiġi kalkolat jew -

(*a*) bħala perċentwali ta' l-ispiża kwalifikanti li ntnefqet minn din il-kumpannija fis-sena li tiġi qabel is-sena ta' stima in kwistjoni; jew

(*b*) skond id-disposizzjonijiet tas-subregolamenti (3) sa (11):

Iżda l-ammont totali tal-kreditu ta' taxxa fuq l-investiment li jista' jintalab skond dan ir-regolament għal proġett ta' investiment speċifiku, ikun tali li l-kondizzjonijiet imsemmija fir-regolamenti 12 u 18 ikunu sodisfatti.

(2) Il-perċentwali msemmija fis-subregolament (1)(*a*) ma għandhiex, f'każ ta' kumpannija li tikkwalifika bħala intrapriża żgħira, teċċedi il-50%, fil-każ ta' intrapriża li tikkwalifika bħala intrapriża ta' daqs medju dik il-perċentwali m'għandhiex teċċedi 40%, u fil-każ ta' kwalunkwe kumpannija oħra dik il- perċentwali m'għandhiex teċċedi t-30%.

(3) Kumpannija tista' titlob kreditu ta' taxxa fuq l-investiment b'riferenza għall-ispejjeż tal-pagi li għandhom x'jaqsmu mal-postijiet tax-xogħol maħluqa, f'Malta, bħala riżultat ta' proġett ta' investiment li l-ispiża għalih tikkostitwixxi spiża kwalifikanti.

(4) Għall-finijiet tas-subregolament (3), il-kreditu ta' taxxa fuq l-investiment ibbażat fuq il-ħolqien ta' postijiet tax-xogħol għandu jkun perċentwali ta' l-ispejjeż tal-pagi għall-ewwel erbgħa u għoxrin xahar ta' impieg ta' individwu li għalih ġie maħluq il-post tax-xogħol.

(5) Fil-każ ta' kumpannija li tikkwalifika bħala intrapriża ta' daqs żgħir, il-perċentwali msemmija fis-subregolament (4) m'għandhiex teċċedi l-50%, fil-każ ta' kumpannija li tikkwalifika bħala kumpannija ta' daqs medju l-perċentwali msemmija m'għandhiex teċċedi l-40%, u fil-każ ta' kwalunkwe kumpannija oħra tali perċentwali m'għandhiex teċċedi t-30%.

(6) L-ammont ta' kreditu ta' taxxa fuq l-investiment ibbażat

fuq il-ħolqien ta' postijiet tax-xogħol li kumpannija tista' titlob f'sena ta' stima għandu jkun ibbażat fuq l-ispejjeż tal-pagi li jintnefqu minn dik il-kumpannija fil-perijodu ta' kontjar li jispiċċa fis-sena li tiġi qabel dik is-sena ta' stima.

(7) Kumpannija tkun kunsidrata li ħolqot post tax-xogħol bħala riżultat ta' proġett ta' investiment għal dawk l-individwi li huma mpjegati mill-kumpannija matul il-perjodu kwalifikanti ta' mpjieg kif imfisser fis-subregolament (9), sakemm l-impieg ta' kull tali individwu ma jkunx b'sostituzzjoni ta' individwu ieħor u sakemm tali mpjieg ma jkunx itterminat qabel ma jgħaddu ħames snin mid-data li fiha ġie mpjegat:

Iżda sabiex jiġi ddeterminat jekk postijiet tax-xogħol ġewx maħluqa, individwi li huma mpjegati mill-kumpannija fuq bażi *part-time* għandhom jitqiesu bħala numru ta' impjegati *full-time*, billi jiġu diviżi n-numru ta' sigħat li jkunu ħadmu l-impjegati *part-time* b' elf seba' mija u sittin:

Iżda wkoll fejn il-perijodu ta' kontjar li jispiċċa fis-sena li tiġi qabel sena ta' stima huwa iktar jew inqas minn tnax-il xahar, in-numru ta' siegħat maħduma mill-impjegati *part-time* għandu jkun diviż b'ammont li wieħed għandu jasal għalih billi jiddividi l-ammont ta' elf seba' mija u sittin bi tlett mija ħamsa u sittin u r-riżultat jiġi moltiplikat bin-numru ta' ġranet kompriżi f'dak il-perijodu ta' kontjar.

(8) Sabiex jiġi determinat jekk individwu ilux impjegat minn kumpannija għall-perijodu ta' ħames snin meħtieġ fis-subregolament (7), għandu jitqies li d-data tal-bidu ta' l-impieg ta' individwu li ġie impjegat minn dik il-kumpannija b'sostituzzjoni għal individwu ieħor li l-impieg tiegħu kien mitmum għal kwalunkwe raġuni, tkun id-data tal-bidu ta' l-impieg ta' l-individwu li l-impieg tiegħu ġie sostitwit; iżda kull tali individwu għandu jiġi mpjegat fi żmien sitt xhur mid-data tat-tmiem ta' l-impieg ta' l-individwu li l-impieg tiegħu ġie sostitwit.

(9) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, il-perijodu kwalifikanti ta' l-impieg huwa l-perijodu li jibda' fil-ġurnata li tiġi qabel il-ġurnata li fiha l-attiv li kellu x'jaqsam mal-proġett ta' investiment ġie użat għall-ewwel darba mill-kumpannija b'mija u tlieta u tmenin ġurnata, sat-tielet anniversarju mid-data tat-tmiem tal-proġett ta' investiment.

(10) Kumpannija li tixtieq titlob kreditu ta' taxxa fuq l-investiment għal sena ta' stima bbażat fuq il-ħolqien ta' postijiet tax-xogħol skond is-subregolamenti (3) sa (9) għandha tissottometti dettalji tal-proġett ta' investiment tagħha u ta' l-individwi li ġew impjegati bħala riżultat ta' tali progett ta' investiment lill-Korporazzjoni għall-approvazzjoni tagħha u għandha, għal kull sena kompriża fil-perijodu kwalifikanti ta' l-impieg, tissottometti iktar dettalji dwar l-istess proġett ta' investiment li jikkonsistu f'iktar ammonti investiti, it-tmiem ta' l-impieg ta' impjegati li qabel kienu mniżżlin li kienu impjegati u impjegati ġodda b'distinzjoni bejn impjegati li għalihom ġew maħluqa postijiet tax-xogħol ġodda u impjegati li ġew impjegati b'sostituzzjoni għal impjegati li l-impieg tagħhom ġie mitmum, u

kif ukoll l-ispejjeż tal-pagi li għalihom kreditu qiegħed jiġi mitlub skond dan ir-regolament għal dik is-sena ta' stima.

(11) Meta tkun sodisfatta bis-sottomissjonijiet imsemmija fis-subregolament (10) u fi żmien sittin ġurnata minn meta tkun irċeviet l-informazzjoni rilevanti kollha li tista' titlob, il-Korporazzjoni għandha toħroġ ċertifikat lill-kumpannija li jispeċifika l-krediti ta' taxxa fuq l-investiment li għalihom il-kumpannija hija ntitolata.

(12) Kumpannija li hija intitolata għal kreditu ta' taxxa fuq l-investiment, għal sena ta' stima, tkun intitolata li tnaqqas mill-ammont ta' taxxa fuq l-*income* li hu dovut fuq l-*income* taxxabbli tagħha li jiġi mill-kummerċ jew negozju tagħha għal dik is-sena ta' stima l-ammont tal-kreditu ta' taxxa fuq l-investiment u fejn il-kreditu ta' taxxa fuq l-investiment, għal kwalunkwe sena ta' stima, jeċċedi it-taxxa fuq l-*income* li jitħallas minn tali kumpannija għal dik is-sena, l-eċċess ikun miżjud mal- kreditu ta' taxxa fuq l-investiment għas-sena ta' wara u jkun meqjus bħala parti minn dak il-kreditu ta' taxxa fuq l-investiment, jew jekk ma hemmx tali kreditu ta' taxxa fuq l-investiment għal dik is-sena, ikun meqjus bħala l-kreditu ta' taxxa fuq l-investiment għal dik is-sena u jibqa jsir hekk għas-snin sussegwenti:

Iżda dik il-parti mill-kreditu ta' taxxa fuq l-investiment li ma tkunx hekk utilizzata fl-aħħar ta' xi sena u li għalhekk tkun miġjuba 'l quddiem biex tkun miżjuda mal-kreditu ta' taxxa fuq l-investiment tas-sena ta' stima ta' wara u meqjusa bħala parti minn dak il-kreditu ta' taxxa fuq l-investiment jew meqjusa bħala l-kreditu ta' taxxa fuq l-investiment għal dik is-sena, tkun miżjuda b'sebgħa fil-mija fis-sena jew bi kwalunkwe rata oħra preskritta mill-Ministru b'avviż fil-Gazzetta; u fejn xi parti ta' dak il-kreditu ta' taxxa fuq l-investiment hekk miżjud għal darb'oħra ma tkunx utilizzata, dik il-parti li ma hijiex utilizzata terġa tkun miżjuda bl-imsemmija perċentwali u miġjuba 'l quddiem għas-sena ta' wara u jibqa' jsir hekk għas-snin sussegwenti:

Iżda wkoll kreditu ta' taxxa fuq l-investiment jista' jitnaqqas biss mit-taxxa dovuta fuq *income* taxxabbli li jiġi minn waħda jew iktar mill-attivitajiet imsemmija fir-regolament 4(3).

(13) Safejn huma applikabbli, id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 25 ta' l-Att huma applikabbli għall-inċentiv ipprovdut skond dan ir-regolament u għal dan il-għan referenzi f'dak l-artikolu għal kumpannija kwalifikanti jinkludu referenza għal kumpannija kwalifikanti għall-benefiċċju msemmi f'dan ir-regolament.

(14) Meta kumpannija tkun ibbenefikat mid-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament, il-kreditu ta' taxxa fuq l-investiment ikun meqjus illi ħeles mit-taxxa dik il-parti ta' l-*income* taxxabbli tal-kumpannija li meta jiġi moltiplikat bir-rati ta' taxxa li bihom kienet taxxabbli f'dik is-sena tkun ugwali għall-kreditu ta' taxxa fuq l-investiment u fejn tali *income* taxxabbli kien intaxxat b'rati ta' taxxa differenti, il-kreditu ta' taxxa fuq l-investiment ikun meqjus illi l-ewwel ħeles dik il-parti ta' l-*income* li kienet intaxxata bl-inqas rata; u fejn il-kumpannija jew xi kumpannija sussegwenti tiddistribwixxi l-*income* li hu hekk meqjus li kien meħlus mit-

taxxa, tali kumpannija, jew kumpanniji, għandha tiddikjara fid-dividend *warrant* li għandu x'jaqsam ma' tali distribuzzjoni li t-taxxa fuq dak l-*income* kienet meħlusa bi kreditu ta' taxxa fuq l-investiment skond dan ir-regolament; u t-taxxa li kienet hekk meħlusa ma tkunx disponibbli għal rifużjoni għal kwalunkwe fini ta' l-Atti dwar it-Taxxi.

Kap. 123.

(15) L-*income* taxxabbli li hu meqjus li ġie meħlus mit-taxxa skond is-subregolament (14) għandu jkun, għall-finijiet ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, allokat fil-kont intaxxat f'Malta tal-kumpannija in kwistjoni u meta jkun distribwit ikun eżenti mit-taxxa fuq l-*income* bħad-dividends imsemmija fl-artikolu 9 ta' l-Att u għal dan il-għan referenzi f'dak l-artikolu għal kumpannija kwalifikanti jinkludu referenza għal kumpannija kwalifikanti għall-benefiċċju msemmi f'dan ir-regolament.

Skema ta' inċentiv ta' valur miżjud.
*Emendat:*
*A.L. 228 ta' l-2002;*
*A.L. 98 ta' 2003.*

**6.** (1) Meta kumpannija kwalifikanti, li tikkwalifika bħala tali skond l-artikolu 3(1)(*a*) u (*b*) ta' l-Att, matul il-perijodu ta' kontjar relevanti, tissodisfa l-kondizzjonijiet msemmija f'dan ir-regolament, ammont mill-profitti tal-kumpannija kif determinat skond is-subregolament (3) ikun -

(*a*) b'effett mis-sena ta' stima li minnha id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament japplikaw, u għas-sitt snin ta' stima li jiġu wara, jkun soġġett għat-taxxa fuq l-*income* bir-rata ta' 5%;

(*b*) għas-sitt snin ta' stima li jiġu minnufih wara s-snin ta' stima stabbiliti skond il-paragrafu (*a*), ikun soġġett għat-taxxa fuq l-*income* bir-rata ta' 10%;

(*ċ*) għall-ħames snin ta' stima li jiġu minnufih wara s-snin ta' stima stabbiliti skond il-paragrafi (*a*) u (*b*), ikun soġġett għat-taxxa fuq l-*income* bir-rata ta' 15%:

Iżda l-aħħar sena ta' stima li għaliha għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandha tkun is-sena ta' stima 2021:

Iżda wkoll, bla ħsara għal dak li ngħad fil-proviso ta' qabel dan, il-Korporazzjoni għandha tikkonferma, lil kull kumpannija li tikkwalifika taħt dan ir-regolament, in-numru minimu ta' snin ta' stima, li m'għandhomx ikunu iktar minn għaxar snin ta' stima, li għalihom id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandhom japplikaw għal dik il-kumpannija; u il-Korporazzjoni tista', mhux iktar kmieni minn tnax-il xahar qabel it-tmiem ta' tali perijodu, iġġedded dik il-konferma għal perijodu ieħor ta' mhux aktar minn ħames snin:

Iżda wkoll, mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' kumpannija għal xi perijodu kkonfermat mill-Korporazzjoni skond il-proviso minnufiħ qabel dan, il-Ministru jista' b'avviż fil-Gazzetta jiddetermina illi l-aħħar sena ta' stima li għaliha id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament għandhom japplikaw għandha tkun sena ta' stima li tiġi qabel is-sena ta' stima 2021:

Iżda wkoll kumpanniji msemmija fis-subregolament (2)(*a*) ikunu eliġibbli li jħallsu t-taxxa msemmija fil-paragrafi (*b*) u (*ċ*) biss u f'dan il-każ ir-rata ta' taxxa msemmija fil-paragrafu (*b*) tkun applikabbli għal sitt snin ta' stima b'effett mis-sena ta' stima li

minnha d-disposizzjonijiet ta’ dan ir-regolament jibdew iseħħu u r-rata ta’ taxxa msemmija fil-paragrafu (*ċ*) tapplika għall-ħames snin ta’ stima ta’ wara.

(2) Għall-finijiet tas-subregolament (1), is-sena ta’ stima li minnha d-disposizzjonijiet ta’ dan ir-regolament għandhom japplikaw hija -

(*a*) is-sena ta’ stima 2002, jew kwalunkwe waħda mis-sentejn ta’ stima li jiġu wara, fil-każ ta’ -

(i) kumpannija kostitwita f’Malta u li kienet teżisti fil-ġurnata li tiġi minnufih qabel id-data tal-bidu fis-seħħ ta’ dan ir-regolament; u

(ii) kumpannija kostitwita barra minn Malta u li kienet reġistrata bħala kumpannija barranija taħt l-Att dwar il-Kumpanniji fil-ġurnata li tiġi minnufih qabel id-data tal-bidu fis-seħħ ta’ dan ir-regolament, Kap. 386.

kif ikun deċiż mill-kumpannija permezz ta’ avviż lill-Korporazzjoni mhux iktar tard mit-30 ta’ April 2003;

(*b*) kull waħda mill-ewwel tlett snin ta’ stima tal-kumpannija fil-każ ta’ kull kumpannija oħra kif ikun deċiż mill-kumpannija sa l-aħħar tat-tielet sena ta’ stima tagħha,

hekk iżda li jekk tali avviż ma jingħatax sad-dati fuq imsemmija, l-ewwel sena mis-snin ta’ stima disponibbli tkun l-ewwel sena ta’ stima li minnha d-disposizzjonijiet ta’ dan ir-regolament japplikaw.

(3) L-ammont ta’ profitti li jkunu soġġetti għal rati ta’ taxxa fuq l-*income* mnaqqsa skond id-disposizzjonijiet tas-subregolament (1) tasal għalih skond il-formula li ġejja:

$$\left(\frac{\text{(a)}\quad \dfrac{V_c - V_b}{V_b}}{\text{(b)}\quad \dfrac{S_c - S_b}{S_b}}\right) \quad X \quad \text{(c)} \left( P_c - P_b \right)$$

Fejn:

Vc = valur miżjud fil-perijodu ta’ kontjar relevanti

Vb = medja tal-valur miżjud fil-perijodu bażi

Sc = bejgħ fil-perijodu ta’ kontjar relevanti

Sb = medja tal-bejgħ fil-perijodu bażi

Pc = profitt fil-perijodu ta’ kontjar relevanti

Pb = medja tal-profitt fil-perijodu bażi:

Iżda l-ammont ta’ taxxa li jitħallas minn kumpannija bħala riżultat ta’ dan ir-regolament m’għandu qatt ikun inqas mill-medja tat-taxxi li jitħallsu mill-kumpannija fil-perijodu bażi għas-sena ta’ stima 2002 li tasal għalih billi tiddividi t-total tat-taxxa li hi pagabbli mill-kumpannija għal kull sena ta’ stima li għandha

x'taqsam ma' kull perijodu ta' kontjar kompriż fil-perijodu bażi bin-numru ta' ġranet f'dawk il-perijodi ta' kontjar u timmoltiplika r-riżultat bin-numru ta' ġranet kompriżi fil-perijodu ta' kontjar relevanti; u għall-finijiet ta' dan il-proviso, "taxxa li titħallas" tikkomprendi t-taxxa li titħallas mill-kumpanija fuq l-*income* taxxabbli tagħha li jkun ġej mill-kummerċ jew negozju tagħha:

Iżda wkoll l-ammont totali ta' profitti li jkunu taxxabbli f'sena ta' stima, m'għandhom fl-ebda każ jeċċedu l-ammont attwali ta' profitti kif kalkolati qabel ma tiġi applikata l-formula kif imfissra f'dan is-subregolament.

(4) Kumpannija tikkwalifika għall-benefiċċju msemmi fid-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament biss jekk tissodisfa il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(*a*) l-ammont ta' valur miżjud li jirriżulta mir-rapporti finanzjarji għall-perijodu ta' kontjar rilevanti jeċċedi l-ammont medju ta' valur miżjud kif muri fir-rapporti finanzjarji ta' dik il-kumpannija għall-perijodu bażi;

(*b*) matul il-perijodu bażi u il-perijodu ta' kontjar rilevanti kienet kumpannija kwalifikanti;

(*ċ*) matul il-perijodu ta' kontjar rilevanti ssodisfat il-kondizzjonijiet imsemmija fir-regolament 4(4) mingħajr ma tikkunsidra il-provisos tal-paragrafu (*b*) tiegħu;

(*d*) matul il-perijodu ta' kontjar rilevanti l-kummerċ jew negozju tagħha ma kienx jinkludi l-preparazzjoni jew produzzjoni "ta' ikel fil-kors ta' *catering*" inkluż -

(i) ikliet jew *snacks* inklużi -

(1) platti sħan u kesħin inklużi antipasto u diżerta;

(2) *sandwiches*, *toast*, *chips* tal-patata, *sausage rolls*, pizza, pastizzi, qassatat u *snacks* simili;

(3) gallettini, kejkijiet, ħelu u oġġetti simili iżda esklużi dawk siġillati f'pakketti mill-manifattur u provduti f'dak il-pakkett oriġinali u dawk l-oġġetti li individwalment jiżnu 500 gramma jew aktar;

(4) ikel ipprovdut f'ristoranti, kafetteriji, *canteens*, bars u stabbilimenti oħra bħalhom;

(5) ikel ippreparat jew prodott għal festi, funzjonijiet, tieġijiet u okkażjonijiet simili;

(6) ikel ippreparat jew prodott għall-konsum fuq inġenji ta' l-ajru u bastimenti jew għall-konsum minn nies li jappartjenu għal post jew organizazzjoni partikolari, inklużi pazjenti fi sptarijiet jew djar, residenti ta' lukandi jew *guest houses*, ħaddiema f'post

tax-xogħol partikolari u l-preparazzjoni jew produzzjoni ta' ikel f'ċirkostanzi simili;

(ii) ħalib, *milkshake*, te, kafe u ċikkulata pprovduta f'forma likwida, eskluż ħalib u *milkshake* pprovdut mill-manifattur tagħhom fi fliexken u kontenituri għad-distribuzzjoni lil bejjiegħa bl-imnut, iżda inkluża kull tip ta' xarba li hija prodotta sempliċement billi żżid likwidu mat-trab jew sustanza, u fejn tali xarba hija prodotta sabiex tkun tista' tiġi servuta f'bar, ristorant, *canteen*, kafetterija jew stabbiliment jew post ieħor lil individwi għall-konsum.

(5) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament:

(*a*) bl-eċċezzjoni tal-paragrafu (*ċ*), "profitti" tfisser l-*income* taxxabbli tal-kumpannija għall-finijiet tat-taxxa fuq l-*income* wara li titnaqqas minnha kwalunkwe parti li ma tiġix għand il-kumpannija mill-kummerċ jew negozju tagħha li jitmexxa f'Malta u wara li jittieħed in konsiderazzjoni kwalunkwe inċentiv jew benefiċċju miksub mill-kumpannija skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att jew ta' dawn ir-regolamenti;

(*b*) telf imġarrab fi kwalunkwe perijodu ta' kontjar kompriż f'perijodu bażi ikun meqjus bħala profitt żero;

(*ċ*) "valur miżjud" tfisser it-total ta' -

(i) il-profitti, qabel it-taxxa, magħmula mill-kumpannija mill-kummerċ jew negozju tagħha, kif rappurtati fir-rapporti finanzjarji tal-kumpannija għall-perijodu ta' kontjar in kwistjoni;

(ii) il-pagi w is-salarji mħallsa mill-kumpannija, sew jekk fi flus jew *in specie*, lill-impjegati *full-time* u *part-time* tagħha u liema ammonti ġew irrappurtati lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni taħt ir-regoli tas-sistema ta' *final settlement* jew kwalunkwe regoli oħrajn li jikkumplementaw jew jissostitwixxu l-istess;

(iii) il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali imħallsa mill-kumpannija fuq l-ammonti msemmija fis-subparagrafu (ii); u

(iv) l-ispiża tas-servizzi li huma pprovduti minn kumpannija li matul il-perijodu ta' kontjar relevanti ma kkwalifikatx għal xi wieħed mill-benefiċċji msemmija f'dan ir-regolament, fir-regolament 4 jew fl-artikoli 4, 5 jew 5A ta' l-Att u li hija, direttament jew indirettament kontrollata minn jew proprjetà benefiċarja ta' l-istess persuni għal aktar minn disgħin fil-mija u għall-iskop ta' dan is-subparagrafu (iv), l-ispiża

tas-servizzi għandha tfisser pagi u salarji imħallsa minn xi kumpannija oħra bħal din, sew jekk fi flus jew b'korrispettiv, lill-impjegati tagħha *full-time* u *part-time* li jkunu pprovdew is-servizzi msemmija lill-kumpannija li tkun qed titlob il-benefiċċju taħt dan ir-regolament u liema ammonti jkunu gew dikjarati lid-Dipartiment tat-Taxxi Intemi taħt ir-regoli tas-sistema ta' *final settlement* u kull regola oħra li tikkomplimenta jew tissostitwixxi dawk ir-regolamenti;

(*d*) meta kumpannija ma kienitx teżisti, jew fil-każ ta' kumpannija kwalifikanti inkorporata barra minn Malta tali kumpannija ma kienitx reġistrata bħala kumpannija barranija taħt l-Att dwar il-Kumpanniji, matul il-perijodi ta' kontjar kompriżi f'perijodu bażi, il-kumpannija tkun meqjusa, għall-finijiet ta' l-użu tal-formula imsemmija fis-subregolament (3), li kellha profitt żero u valur miżjud żero fil-perijodu bażi u r-riżultat tal-partijiet (*a*) u (*b*) ta' l-imsemmija formula ikun meqjus bhala wieħed;

Kap. 386.

(*e*) l-ammont totali ta' bejgħ ikun ikkalkolat *free on board* u fejn il-bejgħ isir skond kuntratt ta' appalt, l-ammont ta' bejgħ totali għandu jinkludi l-valur mhux iffatturat ta' kwalunkwe materjali u kompenenti pprovduti mill-klijent;

(*f*) il-medja tal-valur miżjud, il-medja tal-bejgħ u l-medja tal-profitti ta' perijodu bażi tasal għaliha billi tiddividi t-total tal-bejgħ, valur miżjud u profitti tal-perijodi ta' kontjar kompriżi fil-perijodu bażi bin-numru ta' ġranet kompriżi f'dawk il-perijodi ta' kontjar u timmoltiplika r-riżultat bin-numru ta' ġranet kompriżi fil-perijodu ta' kontjar relevanti;

(*g*) il-perijodu bażi għandu jikkomprendi l-perijodi ta' kontjar li l-profitti tagħhom huma taxxabbli fit-tlett snin ta' stima li jiġu qabel is-sentejn ta' stima li jiġu qabel is-sena ta' stima li fiha l-profitti tal-perijodu ta' kontjar relevanti huma taxxabbli:

Iżda meta l-profitti tal-perijodu ta' kontjar relevanti ikunu ntaxxati fir-raba' sena ta' stima tal-kumpannija, il-perijodu bażi għandu jikkomprendi l-perijodu ta' kontjar li l-profitti tiegħu huma taxxabbli fl-ewwel sena ta' stima tal-kumpannija; u meta l-profitti tal-perijodu ta' kontjar relevanti ikunu ntaxxati fil-ħames sena ta' stima, il-perijodu bażi għandu jikkomprendi l-perijodu jew perijodi ta' kontjar li l-profitti tiegħu jew tagħhom huwa jew huma taxxabbli fl-ewwel sentejn ta' stima;

(*h*) meta r-riżultat tal-partijiet (*a*) u (*b*) tal-formula imsemmija fis-subregolament (3) ikun ammont fin-negattiv, dak ir-riżultat għandu jkun multiplikat b'"-1";

(*i*) meta r-riżultat tal-parti (*b*) tal-formula imsemmija fis-

subregolament (3) ikun żero, r-riżultat tal-partijiet (*a*) u (*b*) ta' din il-formula ikun meqjus bħala wieħed.

(6) Meta kumpannija li titlob il-benefiċċju pprovdut f'dan ir-regolament tkun, minn meta jkun spiċċa kwalunkwe perijodu ta' kontjar kompriż fil-perijodu bażi, akkwistat in-negozju, jew parti minnu, ta' persuna oħra, konnessa ma' tali kumpannija, u tali akkwist sar, jew permezz ta' għaqda jew b'xi mod ieħor, il-valur miżjud, il-bejgħ totali w il-profitti għall-dak il-perijodu ta' kontjar u li għandu x'jaqsam man-negozju akkwistat, għandhu ikun miżjud mal-valur miżjud, il-bejgħ totali w il-profitti rispettivi tal-kumpannija biex jiġi ddeterminat l-ammont ta' profitti li ser ikunu soġġetti għal rati ta' taxxa fuq l-*income* mnaqqsa skond id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament; u għall-finijiet ta' dan is-subregolament persuna tkun konsidrata bħala konnessa ma' tali kumpannija jekk waħda minnhom tkun, direttament jew indirettament, tikkontrolla u tkun is-sid benefiċjarju, ta' iktar minn ħamsin fil-mija ta' l-oħra jew it-tnejn ikunu kontrollati minn, u il-propjetà benefiċjarja tkun ta', l-istess persuni sa iktar minn ħamsin fil-mija.

(7) Id-disposizzjonijiet tar-regolament 4(5) sa (11) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-benefiċċju pprovdut minn dan ir-regolament kif japplikaw għall-beneficcju pprovdut minn dak ir-regolament.

Regola għall-artikoli 6, 7, 24B u 24Ċ ta' l-Att. *Emendat: A.L. 228 ta' l-2002.*

**7.** (1) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 6, 24B u 24Ċ ta' l-Att, u b'effett mis-sena ta' stima 2003, id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 7 ta' l-Att, huma applikabbli biss għal spiża li tkun spiża kwalifikanti kif imfissra f'dawn ir-regolamenti:

Iżda d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 7 ta' l-Att huma applikabbli biss fir-rigward ta' spiża kwalifikanti li tkun intefqet għall-akkwist ta' impjant jew makkinarju jew bini jew strutturi industrijali skond id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu:

Iżda wkoll id-disposizzjonijiet ta' dan is-subregolament m'għandhomx jaffetwaw id-dritt li jista' jkollha kumpannija skond l-artikolu 5A ta' l-Att, liema artikolu għandu jigi applikat mingħajr ma jitqiesu d-disposizzjonijiet ta' dan is-subregolament.

(2) Meta d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 6 u 24B ta' l-Att huma applikati għal kumpannija li mhiex intitolata għall-inċentiv imsemmi fir-regolament 5, it-tnaqqis fir-rata tat-taxxa fuq l-*income* tasal għalih billi timmoltiplika dsatax u kwart punti perċentwali bir-rata ta' taxxa li biha kumpannija hija taxxabbli f'sena ta' stima u tiddividi r-riżultat bir-rata ta' taxxa fuq l-*income* msemmi fl-artikolu 56(6) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*: Kap. 123.

Iżda meta d-dħul taxxabbli tal-kumpannija, qabel ma jiġu applikati l-provvedimenti ta' l-imsemmija artikoli 6 u 24B ta' l-Att, huwa intaxxat b'rati ta' taxxi differenti -

(*a*) it-tnaqqis fir-rata tat-taxxa jkun ikkalkolat separatament għal kull parti tad-dħul taxxabbli tal-kumpannija, kif huwa taxxabbli b'rati differenti ta' taxxa, kif imfisser f'dan is-subregolament; u

(*b*) il-profitti li jitqiesu li ġew investiti mill-ġdid għall-

finijiet ta' l-artikolu 6 ta' l-Att, jekk il-kumpannija hekk tirrisolvi permezz ta' risoluzzjoni straordinarja, jkunu dawk il-profitti li huma soġġetti għall-għola rata ta' taxxa.

*Soft loans. Emendat: A.L. 228 ta' l-2002; A.L. 192 ta' l-2006.*

**8.** (1) Meta l-Korporazzjoni tkun sodisfatta illi l-attivitajiet ta' kumpannija kwalifikanti, li tikkwalifika bħala tali taħt l-artikolu 3(1)(*a*) u (*b*) ta' l-Att, jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' l-ekonomija b'mod konsistenti ma' l-iskop u mal-miri tal-Gvern, il-Korporazzjoni tista' tagħti self lil dik il-kumpannija, liema self m'għandux jeċċedi 75% ta' l-ispiża kwalifikanti.

(2) Ir-rata ta' imgħax mitluba mill-Korporazzjoni fuq self mogħti taħt dan ir-regolament għandha tkun għall-inqas ugwali għal rata li tasal għaliha billi tnaqqas żewġ punti u nofs perċentwali mir-rata minima ta' skont stabbilita mill-Bank Ċentrali ta' Malta permezz ta' direttivi maħruġa taħt l-Att dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta.

Kap. 204.

(3) Il-ħlas lura tal-kapital u l-ħlas ta' l-imgħax fuq kull self mogħti taħt dan ir-regolament għandu jiġi garantit b'ipoteka ġenerali fuq il-proprjetà tal-kumpannija li tirċievi s-self, b'żieda ma' kull garanzija oħra li tista' titlob il-Korporazzjoni:

Iżda għall-finijiet tat-Titolu XXIII tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili, il-Korporazzjoni tista' tippermetti li d-debitu dwar self dovut lil jew faċilità bankarja oħra mogħtija minn istituzzjoni finanzjarja għandu jiġi eżatt qabel l-ipoteka ġenerali jew garanzija oħra favur il-Korporazzjoni dwar dak is-self:

Kap. 16.

Iżda wkoll il-Korporazzjoni tista' wkoll taċċetta garanzija ta' bank ewlieni jew garanzija oħra simili dwar is-self mogħti minnha minflok jew b'żieda ma' l-ipoteka ġenerali msemmija qabel.

(4) Il-ħlas lura ta' xi self mogħti taħt id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament, u ta' l-imgħax fuqu, għandu jsir fi żmien u b'rati kif miftiehma mal-Korporazzjoni, iżda dan iż-żmien ma għandu qatt ikun aktar minn għaxar snin mid-data ta' l-ewwel ħlas mis-self li tirċievi l- kumpannija:

Iżda sakemm il-Korporazzjoni ma tipprovdix mod ieħor, tul l-ewwel sentejn tas-self, il-kumpannija tkun mitluba tħallas biss l-imgħax fuq is-self.

(5) Meta l-Korporazzjoni tkun approvat li jingħata self f'taqsimiet, u xi taqsima minn dak is-self tkun għadha ma ngħatatx, il-Korporazzjoni tista', mingħajr preġudizzju għal kull rimedju ieħor, iżżomm kull taqsima tas-self li tkun għadha ma ngħatatx jekk -

(*a*) xi somma flus dovuta dwar xi self mogħti taħt dan ir-regolament jew taħt l-artikolu 16 ta' l-Att, sew jekk din tkun kapital kif ukoll imgħax, tibqa' ma titħallasx; jew

(*b*) xi self mogħti qabel taħt dan ir-regolament jew taħt l-artikolu 16 ta' l-Att ma jkunx intuża għall-għan li għalih ikun ġie mogħti jew ma jkunx ġie użat b'mod għaqli, ekonomiku u f'waqtu; jew

(*ċ*) il-kumpannija tkun qiegħda f'likwidazzjoni jew ma tkunx baqgħet solvibbli jew tkun tat proprjetà għall-benefiċċju ta' kredituri; jew

(*d*) ikun sar ksur ta', jew ma tkunx ġiet imħarsa, xi kondizzjoni marbuta mas-self.

(6) L-għoti ta' self li jsir taħt dan ir-regolament ma għandux ikun suġġett għad-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar Transazzjonijiet Esterni. Kap. 233.

(7) Kumpannija li tmexxi jew tkun bi ħsiebha tmexxi l-attivitajiet imsemmija fir-regolament 4(3)(*e*), (*f*) jew (*j*), weħidhom jew flimkien ma' xi waħda mill-attivitajiet imsemmija fl-artikolu 3(1)(*a*) u (*b*) ta' l-Att tkun, jekk il-Korporazzjoni hekk tapprova, intitolata għall-benefiċċju skond dan ir-regolament.

Sussidji fuq imgħax fuq self. *Emendat: A.L. 228 ta' l-2002; A.L. 192 ta' l-2006.*

**9.** (1) Meta l-Korporazzjoni tkun sodisfatta illi l-attivitajiet ta' kumpannija kwalifikanti, li tikkwalifika bħala tali taħt l-artikolu 3(1)(*a*) u (*b*) ta' l-Att, jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' l-ekonomija b'mod konsistenti ma' l-iskop u mal-miri tal-Gvern, il-Korporazzjoni tista' tissussidja r-rata ta' imgħax li jitħallas mill-kumpannija fuq self li dik il-kumpannija tista' tieħu sabiex takkwista attiv addizzjonali biex jiġi mpjegat fil-kummerċ jew negozju tal-kumpannija sal-punt li l-ispiża fuq tali attiv tikkostitwixxi spiża kwalifikanti.

(2) Is-sussidju msemmi fis-subregolament (1) għandu jkun tant li jassigura li ir-rata ta' imgħax li l-kumpannija effettivament tissubixxi ma tkunx inqas mir-rata stabbilita skond ir-regolament 8(2).

(3) Is-sussidju pprovdut f'dan ir-regolament għandu jkun għal self mogħti sabiex tiġi ffinanzjata spiża kwalifikanti li għaliha ma tkunx ingħatat *soft loan* skond ir-regolament 8.

(4) Self li jikkwalifika għas-sussidju fuq ir-rata ta' l-imgħax ikkontemplat minn dan ir-regolament għandu jkun self mogħti minn banek jew istituzzjonijiet finanzjarji liċenzjati oħra.

(5) Kumpannija li tmexxi jew tkun bi ħsiebha tmexxi l-attivitajiet imsemmija fir-regolament 4(3)(*e*), (*f*) jew (*j*), weħidhom jew flimkien ma' xi waħda mill-attivitajiet imsemmija fl-artikolu 3(1)(*a*) u (*b*) ta' l-Att tkun, jekk il-Korporazzjoni hekk tapprova, intitolata għall-benefiċċju skond dan ir-regolament.

Garanziji fuq self. *Emendat: A.L. 228 ta' l-2002; A.L. 192 ta' l-2006; A.L. 68 ta' l-2007.*

**10.** (1) Meta l-Korporazzjoni tkun sodisfatta li l-attivitajiet ta' kumpannija kwalifikanti, li tikkwalifika bħala tali taħt l-artikolu 3(1)(*a*) u (*b*) ta' l-Att, jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' l-ekonomija b'mod konsistenti ma' l-iskop u mal-miri tal-Gvern, il-Korporazzjoni tista' tiggarantixxi self mogħti lill-kumpannija sabiex jiffinanzja l-akkwist ta' attiv addizzjonali biex jiġi mpjegat fil-kummerċ jew negozju tal-kumpannija sal-punt li l-ispiża fuq tali attiv tikkostitwixxi spiża kwalifikanti.

(2) Il-garanzija fuq self imsemmija fis-subregolament (1) m'għandux jeċċedi 75% ta' l-ispiża kwalifikanti li għaliha s-self huwa mogħti.

(3) Għal kull garanzija fuq self, il-Korporazzjoni għandha żżomm biżżejjed fondi investiti sabiex tkopri l-ammont massimu

ta' kapital u mgħax illi l-Korporazzjoni tista' tkun mitluba li tħallas minħabba fil-garanzija fi kwalunkwe ħin.

(4) Meta tagħti garanzija l-Korporazzjoni żżomm id-dritt li tkun surrogata fid-drittijiet ta' min ikun issellef la darba tagħmel pagament taħt il-garanzija.

(5) Il-Korporazzjoni għandha tipprovdi garanziji biss lil banek u istituzzjonijiet finanzjarji liċenzjati.

(6) Kumpannija li tmexxi jew tkun bi ħsiebha tmexxi l-attivitajiet imsemmija fir-regolament 4(3)(*e*), (*f*) jew (*j*), weħidhom jew flimkien ma' xi waħda mill-attivitajiet imsemmija fl-artikolu 3(1)(*a*) u (*b*) ta' l-Att tkun, jekk il-Korporazzjoni hekk tapprova, intitolata għall-benefiċċju skond dan ir-regolament.

Kap. 343.

(7) Persuna bla xogħol li tkun qegħda tirreġistra għax-xogħol taħt l-Ewwel Taqsima u t-Tieni Taqsima tar-Reġistru ta' persuni li jkunu qegħdin ifittxu impieg miżmum skond l-artikolu 11 ta' l-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ, li tidħol jew li għandha l-ħsieb li tidħol bi spejjeż tagħha għal taħriġ speċjalizzat fit-teknoloġija ta' l-informatika, tista', bla ħsara għall-approvazzjoni tal-Korporazzjoni, tingħata l-benefiċċju provdut b'dan ir-regolament.

Intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

**11.** (1) Meta l-Korporazzjoni tkun sodisfatta illi kumpannija kwalifikanti hi hija intrapriża żgħira jew ta' daqs medju għandha bżonn l-għajnuna ta' esperti f'qasam partikolari, l-Korporazzjoni tista' tagħti lil dik l-intrapriża għotja li m'għandhiex teċċedi 50% tal-ħlas għas-servizzi ta' tali esperti:

Iżda tali għotja m'għandhiex tingħata għal servizzi li huma ta' natura kontinwa jew li huma pprovduti perjodikament u għandhom x'jaqsmu ma' l-ispejjeż operattivi tas-soltu bħal servizzi ta' konsulenza ta' rutina jew reklamar.

(2) Meta l-Korporazzjoni tkun sodisfatta illi kumpannija kwalifikanti li hija intrapriża żgħira jew ta' daqs medju tista' tibbenefika mill-parteċipazzjoni tagħha f'fieri u esibizzjonijiet, il-Korporazzjoni tista' tagħti lil dik l-intrapriża għotja li m'għandhiex teċċedi 50% tal-ħlas tal-kiri, armar u mmaniġġjar tal-posta; iżda tali għotja tista' tingħata biss għall-ewwel parteċipazzjoni ta' intrapriża f'fiera jew esibizzjoni partikolari.

Għajnuna massima għal proġetti ta' investiment għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. *Emendat: A.L. 228 ta' l-2002. Sostitwit: A.L. 192 ta' l-2006.*

**12.** L-ammont totali li kumpannija tista' tibbenefika minnu għal proġett ta' investiment skond ir-regolamenti 5, 8 u 9 u l-artikoli 6, 7, 24B u 24Ċ ta' l-Att m'għandux -

(i) meta l-kumpannija tikkwalifika bħala intrapriża żgħira, jeċċedi l-ogħla minn -

(*a*) 50% ta' l-ispiża kwalifikanti għal dak il-proġett ta' investiment; jew

(*b*) 50% ta' l-ispiża tal-pagi għall-ewwel perjodu ta' erbgħa u għoxrin xahar għall-individwi li għalihom ikunu ġew maħluqa postijiet tax-xogħol kif stabbilit bir-regolament 5(7) sa (11);

(ii) meta l-kumpannija tikkwalifika bħala intrapriża ta' daqs medju, jeċċedi l-għola ta' -

(*a*) 40% ta' l-ispiża kwalifikanti relatata ma' dak il-proġett ta' investiment; jew

(*b*) 40% ta' l-ispiża tal-pagi għall-ewwel perjodu ta' erbgħa u għoxrin xahar għall-individwi li għalihom ikunu ġew maħluqa postijiet tax-xogħol kif imsemmi fir-regolament 5(7) sa (11).

Inċentivi għall-ħolqien ta' postijiet tax-xogħol.

**13.** (1) Meta l-Korporazzjoni tkun sodisfatta li intrapriża ħolqot post tax-xogħol *full-time* għal individwu kwalifikanti, il-Korporazzjoni għandha toħroġ ċertifikat li jikkonferma li dik l-intrapriża ħolqot tali post tax-xogħol u li għalhekk hija ntitolata għall-benefiċċji ta' dan ir-regolament.

(2) Intrapriża tkun konsidrata li ħolqot post tax-xogħol għall-finijiet tas-subregolament (1) meta timpjega individwu kwalifikanti għal perijodu ta' mhux inqas minn tlett snin u meta dak l-impieg m'huwiex b'sostituzzjoni għal dak ta' individwu ieħor li l-impieg tiegħu ġie tterminat mill-intrapriża; iżda fil-każ ta' individwu kwalifikanti li jikkwalifika bħala tali skond is-subregolament (13)(*ċ*), impieg ikun ikkunsidrat li ġie maħluq jekk il-prinċipal preċedenti tiegħu jikkonferma bil-miktub li l-post li tbattal minn dak l-individwu m'għandux bżonn jimtela'.

(3) L-obbligu tal-prova illi l-impieg ta' individwu kwalifikanti m'huwiex b'sostituzzjoni għal dak ta' individwu ieħor li l-impieg tiegħu ġie tterminat mill-intrapriża huwa ta' l-intrapriża.

(4) Meta intrapriża tista' tkun intitolata biex tibbenefika mid-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament għal impieg ta' individwu kwalifikanti u fis-sitt xhur li jiġu minnufih qabel id-data li fiha impjegat dak l-individwu kwalifikanti, l-impieg ta' impjegat ieħor kien itterminat, sew jekk dak l-impieg kien itterminat mill-intrapriża sew jekk le, l-intrapriża għandha tagħti l-provi lill-Korporazzjoni li l-impieg ta' l-individwu kwalifikanti m'huwiex b'sostituzzjoni għall-impieg ta' xi individwu ieħor jew li tali individwu temm l-impieg tiegħu b'mod volontarju.

(5) Sabiex jiġi determinat jekk individwu kwalifikanti ilux impjegat minn intrapriża għall-perijodu meħtieġ ta' tlett snin imsemmi fis-subregolament (2), ikun meqjus illi d-data tal-bidu ta' l-impieg ta' individwu li ġie impjegat minn intrapriża b'sostituzzjoni għal individwu ieħor li l-impieg tiegħu ġie tterminat mill-intrapriża minħabba fil-kondotta ħażina għall-aħħar jew li temm l-impieg tiegħu b'mod volontarju, għandha tkun id-data tal-bidu ta' l-impieg ta' l-individwu li l-impieg tiegħu ġie sostitwit; u l-intrapriża jkollha l-obbligu li tipprova għas-sodisfazzjon tal-Korporazzjoni li l-individwu hekk impjegat kien b'sostituzzjoni għall-individwu li l-impieg tiegħu kien itterminat kif deskritt f'dan is-subregolament.

(6) Il-benefiċċji li intrapriża tkun intitolata għalihom taħt id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament huma:

(*a*) meta l-individwu huwa individwu kwalifikanti skond is-subregolament (13)(*a*) jew (*b*), l-intrapriża hija, meta tkun qiegħda tikkalkola l-*income* totali tagħha għall-finijiet ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* għal Kap. 123.

sena ta' stima, intitolata li tnaqqas, minbarra t-tnaqqis permess minn dak l-Att, 65% oħra mill-ispiża tal-paga ta' dak l-individwu kwalifikanti mħallsa mill-intrapriża fis-sena minnufih qabel is-sena ta' stima in kwistjoni:

Iżda dan it-tnaqqis addizzjonali ikun dovut biss għall-ispiża tal-paga mħallsa għall-ewwel tnax-il xahar ta' impieg ta' l-individwu kwalifikanti u jekk, qabel ma jgħaddu sittin jum mid-data li fiha tali individwu kwalifikanti ġie impjegat, l-intrapriża tissottometti lill-Korporazzjoni dettalji ta' programm ta' taħriġ li dak l-individwu kwalifikanti għandu jsegwi u tali programm jiġi approvat mill-Korporazzjoni, it-tnaqqis addizzjonali jiżdied għal 100%;

(*b*) meta l-individwu huwa individwu kwalifikanti skond is-subregolament (13)(*ċ*), l-intrapriża hija, meta tkun qiegħda tikkalkola l-*income* totali tagħha għall-finijiet ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* għal sena ta' stima, intitolata li tnaqqas, minbarra t-tnaqqis permess minn dak l-Att, 150% oħra mill-ispiża tal-paga ta' dak l-individwu kwalifikanti mħallsa mill-intrapriża fis-sena minnufih qabel is-sena ta' stima in kwistjoni:

Kap. 123.

Iżda dan it-tnaqqis addizzjonali ikun dovut biss għall-ispiża tal-paga imħallsa għall-ewwel erbgħa w għoxrin xahar ta' impieg ta' l-individwu kwalifikanti u jekk, qabel ma jgħaddu sittin jum mid-data li fiha tali individwu kwalifikanti ġie impjegat, l-intrapriża tissottometti lill-Korporazzjoni dettalji ta' programm ta' taħriġ li dak l-individwu kwalifikanti għandu jsegwi u tali programm jiġi approvat mill-Korporazzjoni, it-tnaqqis addizzjonali jiżdied għal 200%.

(7) Għall-finijiet tas-subregolament (6) -

(*a*) meta l-individwu huwa individwu kwalifikanti skond is-subregolament (13)(*a*), l-ispiża tal-paga, li għaliha t-tnaqqis addizzjonali huwa dovut, m'għandiex teċċedi 125% ta' ammont stabbilit mill-Korporazzjoni għal dak l-individwu;

(*b*) meta l-individwu huwa individwu kwalifikanti skond is-subregolament (13)(*b*), l-ispiża tal-paga, li għaliha t-tnaqqis addizzjonali huwa dovut, m'għandiex teċċedi 125% ta' l-ispiża tal-pagi ta' l-impieg prinċipali ta' dak l-individwu matul l-aħħar tnax-il xahar qabel il-bidu ta' l-impieg tiegħu ma' l-intrapriża li qed titlob tali tnaqqis addizzjonali;

(*ċ*) meta l-individwu huwa individwu kwalifikanti skond is-subregolament (13)(*ċ*), l-ispiża tal-paga, li għaliha t-tnaqqis addizzjonali huwa dovut, m'għandiex teċċedi 125% ta' l-ispiża tal-pagi ta' l-impieg prinċipali ta' dak l-individwu matul l-aħħar erbgħa w għoxrin xahar qabel il-bidu ta' l-impieg tiegħu ma' l-intrapriża li qed

titlob tali tnaqqis addizzjonali:

Iżda għall-finijiet tal-paragrafi (*b*) u (*ċ*), l-ispiża tal-paga li għaliha t-tnaqqis addizzjonali huwa dovut għandu jeskludi kwalunkwe benefiċċji terminali, benefiċċji dwar *leave* li ma tteħidx, *bonues* u ħlasijiet oħra li m'humiex parti mill-paga bażika dovuta lill-individwu kwalifikanti.

(8) Għall-finijiet ta'dan ir-regolament, "spiża ta' paga" tfisser it-total tal-paga bażika, qabel kwalunkwe tnaqqis, imħallsa lil individwu kwalifikanti u s-sehem tal-prinċipal tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li jitħallsu għal dak it-total tal-ħlasijiet.

(9) Intrapriża tista', permezz ta' applikazzjoni lill-Korporazzjoni u minflok ma' titlob tnaqqis taħt is-subregolament (6)(*b*), tagħżel li tingħata għotja li tiġi kalkolata billi timmoltiplika 70% tat-tnaqqis addizzjonali msemmi f'dak is-subregolament bir-rati jew rata ta' taxxa li bihom l-intrapriża kienet taxxabbli f'dik is-sena ta' stima li għaliha giet intitolata għal dak it-tnaqqis addizzjonali jekk l-individwu kwalifikanti ilu impjegat għall-perijodu meħtieġ ta' tlett snin imsemmi fis-subregolament (2).

(10) Meta intrapriża toħloq post tax-xogħol għal individwu kwalifikanti li huwa rreġistrat bħala persuna b'diżabilita' mal-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ skond ir-regolament 3 tar-Regolamenti dwar Persuni b'Diżabilità (Reġistrazzjoni u Appell), id-dritt għal tnaqqis addizzjonali f'kull każ ikun ta' 200%. L.S.210.01

(11) Il-benefiċċji pprovduti f'dan ir-regolament jingħataw lil intrapriża biss jekk tingħata prova illi l-individwu kwalifikanti ilu impjegat għall-perijodu mitlub ta' tlett snin. Matul l-imsemmi perijodu ta' tlett snin il-ġbir ta' taxxa fuq l-*income* li, kieku ma kienx għad-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament, jitħallas minn intrapriża jitħalla pendenti u jkun dovut u jitħallas biss jekk l-impieg tal-persuna kwalifikanti huwa tterminat qabel ma jgħaddu tlett snin mid-data ta' l-impieg tiegħu, u fi kwalunkwe każ ikun dovut u jitħallas fi żmien sittin ġurnata mid-data ta' dak it-tmiem ta' l-impieg.

(12) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, "intrapriża" tinkludi persuna li tkun talbet tnaqqis skond id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament, persuni li jikkontrollaw jew li huma sidien benefiċjarji, direttament jew indirettament, ta' iktar minn ħamsin fil-mija ta' dik il-persuna, u persuni li huma kontrollati minn, jew li s-sid benefiċarju tagħhom huwa, għal iktar minn ħamsin fil-mija, dik il-persuna.

(13) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, "individwu kwalifikanti" tfisser individwu li jew -

(*a*) ilu jirreġistra bħala qiegħed għal -

(i) minimu ta' sena qabel l-impieg tiegħu ma' l-intrapriża, fil-każ ta' individwu li għandu iktar minn erbgħin sena jew huwa individwu li għalih is-subregolament (10) huwa applikabli; jew

(ii) minimu ta' sentejn qabel l-impieg tiegħu ma' l-intrapriża, fil-każ ta' kull individwu ieħor;

(*b*) huwa identifikat mill-*Employment Restructuring Unit* fi ħdan il-Ministeru għas-Servizzi Ekonomiċi bħala individwu li jista' jiġi ddikjarat *redundant* bħala konsegwenza ta' programm ta' ristrutturizzazzjoni ta' l-intrapriża li magħha huwa impjegat; jew

(*ċ*) huwa impjegat ma' enti li għandha x'taqsam mas-settur pubbliku u jokkupa pożizzjoni li tista' tiġi preskritta u, jew identifikata mill-Ministru permezz ta' avviż fil-Gazzetta.

(14) Jekk il-Koporazzjoni hekk tapprova, id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament ikunu applikabbli meta intrpriża timpjega individwu li hu individwu kwalifikanti skond is-subregolament (13)(*ċ*) taħt xi arranġjament ta' *secondment* bejn tali intrapriża u l-prinċipal ta' dak l-individwu, u meta tagħti l-approvazzjoni tagħha il-Korporazzjoni tista timponi dawk il-kondizzjoniet li jidhrila xierqa.

Assistenza għat-taħriġ.
*Emendat: A.L. 228 ta' l-2002; A.L. 370 ta' l-2005; A.L. 192 ta' l-2006.*

**14.** (1) Meta l-Korporazzjoni tkun sodisfatta illi individwu impjegat minn kumpannija kwalifikanti, li tkun kumpannija li tikkwalifika bħala tali skond l-artikolu 3(1)(*a*) u (*b*) ta' l-Att, huwa impjegat *full-time* jew *part-time*, kemm jekk impjegat b'kuntratt indefinit jew definit (f'dan ir-regolament imsejjaħ "impjegat") u li dak l-impjegat qiegħed jagħmel taħriġ skond programm approvat mill-Korporazzjoni, għotja għat-taħriġ tista' tingħata mill-Korporazzjoni lill-kumpannija, liema għotja m'għandhiex teċċedi -

(*a*) meta tali għotja hija mogħtija lil kumpannija li tikkwalifika bħala intrapriża żgħira jew ta' daqs medju -

(i) 45% ta' l-ispejjeż eliġibbli meta t-taħriġ li jingħata jkun taħriġ speċifiku; u

(ii) 80% ta' l-ispejjeż eliġibbli meta t-taħriġ li jingħata huwa taħriġ ġenerali;

(*b*) meta tali għotja hija mogħtija lil kumpannija li ma tikkwalifikax bħala intrapriża żgħira jew ta' daqs medju -

(i) 35% ta' l-ispejjeż eliġibbli meta t-taħriġ li jingħata jkun taħriġ speċifiku; u

(ii) 60% ta' l-ispejjeż eliġibbli meta t-taħriġ li jingħata huwa taħriġ ġenerali.

(2) Għall-finijiet tas-subregolament (1), l-ispejjeż eliġibbli huma:

(*a*) l-ispejjeż ta' min imexxi t-taħriġ;

(*b*) l-ispejjeż ta' vvjaġġar ta' min imexxi t-taħriġ u ta' l-impjegat;

(*ċ*) l-ispejjeż ta' servizzi ta' konsulenza għar-rigward ta' proġett ta' taħriġ;

(*d*) l-ispejjeż tal-ħlasijiet lill-impjegat: iżda s-siegħat biss li fihom l-impjegat effettivament jipparteċipa fit-taħriġ, wara li tnaqqas kull siegħa produttiva, għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni.

(3) F'dan ir-regolament -

(*a*) "taħriġ ġenerali" tfisser taħriġ li jipprovdi kwalifiki jew snajja' li jistgħu jintużaw f'intrapriżi jew oqsma ta' xogħol oħrajn u li permezz tagħhom tiżdied il-possibilità li impjegat ikun jista' jiġi mħaddem; u

(*b*) "taħriġ speċifiku" tfisser taħriġ li jinvolvi tagħlim li jkun applikabbli biss għall-pożizzjoni preżenti jew futura ta' l-impjegat fl-intrapriża li qiegħda tingħata l-għotja.

(4) Il-Korporazzjoni tista', wara li tkun ingħatat approvazzjoni mill-Ministru, tagħti għotjiet akbar minn dawk imsemmija f'dan ir-regolament.

(5) Kumpannija li tmexxi jew tkun bi ħsiebha tmexxi l-attivitajiet imsemmija fir-regolament 4(3)(*e*), (*f*) jew (*j*), weħidhom jew flimkien ma' xi waħda mill-attivitajiet imsemmija fl-artikolu 3(1)(*a*) u (*b*) ta' l-Att tkun, jekk il-Korporazzjoni hekk tapprova, intitolata għall-benefiċċju skond dan ir-regolament.

(6) Il-Korporazzjoni tista' tipprovdi għotja għat-taħriġ fil-forma ta' kreditu ta' taxxa (hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejħa "kreditu ta' taxxa") lill-kumpannija li tmexxi jew tkun bi ħsiebha tmexxi attività li tikkonsisti fit-tiswija, titjib jew manutenzjoni ta' inġenji ta' l-ajru jew ta' magni jew tagħmir inkorporati f'tali inġenji ta' l-ajru; u f'każ li l-Korporazzjoni tapprova l-għoti ta' tali kreditu ta' taxxa għat-taħriġ, għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tas-subregolament (7) sa (9).

(7) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-proviso tas-subregolament (9), l-ammont ta' kreditu ta' taxxa għat-taħriġ li tista' tapprova il-Korporazzjoni m'għandux jeċċedi l-ogħla ammont ta' għotjiet li l-Korporazzjoni tista' tagħti skond is-subregolament (1).

(8) L-ammont ta' kreditu ta' taxxa għat-taħrig li jista' jiġi approvat mill-Korporazzjoni lil kumpannija għal sena ta' stima għandu jkun ibbażat fuq in-nefqa li l-kumpannija msemmija tkun għamlet fi spejjeż eliġibbli fil-perjodu ta' konteġġi li jispiċċa fis-sena ta' qabel dik is-sena ta' stima.

(9) Kumpannija li tkun intitolata għal kreditu ta' taxxa għat-taħriġ tista' tibbenefika minn kreditu ta' taxxa għas-sena ta' stima 2003 u snin ta' stima sussegwenti billi jitnaqqas mill-ammont ta' taxxa fuq id-dħul dovut fuq id-dħul taxxabli li jkun gej mill-kummerċ jew negozju tal-kumpannija għal xi sena ta' stima, l-ammont ta' kreditu ta' taxxa għat-taħriġ u fejn il-kreditu ta' taxxa għat-taħriġ, għal xi sena ta' stima, teċċedi t-taxxa fuq id-dħul dovuta mill-imsemmija kumpannija għal dik is-sena, l-eċċess jiġi miżjud mal-kreditu ta' taxxa għat-taħriġ għas-sena ta' wara u jitqies bħala parti minn dak il-kreditu ta' taxxa għat-taħriġ, jew jekk ma jkun hemm l-ebda kreditu ta' taxxa għat-taħriġ għal dik is-sena, titqies bħala kreditu ta' taxxa għat-taħriġ għal dik is-sena u tibqa' titqies hekk għas-snin sussegwenti:

Iżda dik il-parti ta' kreditu ta' taxxa għat-taħriġ li ma tiġix utilizzata sa l-aħħar ta' xi sena u li għalhekk tinġieb 'l quddiem

biex tiżdied mal-kreditu ta' taxxa għat-taħriġ għas-sena ta' wara u titqies bħala parti minn dak il-kreditu ta' taxxa għat-taħriġ jew titqies bħala kreditu ta' taxxa għat-taħriġ għal dik is-sena, għandha tiżdied b'sebgħa fil-mija kull sena jew b'rata oħra kif jista' jiddetermina il-Ministru permezz ta' avviż fil-Gazzetta: u f'każ li xi parti mill-kreditu ta' taxxa għat-taħriġ kif miżjuda terġa' ma tiġix utilizzata, dik il-parti li ma tkunx intużat għandha terga' tiżdied bil-perċentwali msemmija u għandha tinġieb 'l quddiem għas-sena ta' wara u jibqa' jsir hekk għas-snin sussegwenti:

Iżda wkoll kreditu ta' taxxa għat-taħriġ jista' jitnaqqas mit-taxxa dovuta fuq *income* taxxabbli li jkun ġej mill-attivitajiet imsemmija fis-subregolament (6).

Taxxa fuq l-*income* li tibqa' pendenti.

**15.** Kemm-il darba ma jiġix xort'oħra provdut minn dawn ir-regolamenti, meta d-dritt ta' kumpannija għall-benefiċċji pprovduti mill-Att jew minn dawn ir-regolamenti għal sena ta' stima ma jistgħux jiġu stabbiliti biss minħabba r-raġuni illi ma għaddiex biżżejjed żmien sabiex ikun jista' jiġi ddeterminat jekk ċerti kondizzjonijiet ġewx sodisfatti, il-ġbir tat-taxxa fuq l-*income* li, kieku ma kienx għad-disposizzjonijiet ta' l-Att u ta' dawn ir-regolamenti, kien ikollu jitħallas minn dik il-kumpannija, jibqa' pendenti sakemm jgħaddu sitt xhur mid-data li fiha tali dritt jista' jkun stabbilit u fil-każ illi dawk il-kondizzjonijiet ma humiex sodisfatti u għalhekk it-taxxa fuq l-*income* li nżammet pendenti jkollha titħallas, id-data li fiha tkun dovuta għall-finijiet ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa tkun il-ġurnata li tiġi minnufih wara l-aħħar ġurnata li fiha tibqa' pendenti kif imsemmi fuq u il-fatt li tali taxxa tkun dovuta ma jitqiesx bħala nuqqas għall-finijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxa.

Kap. 372.

Approvazzjoni bil-miktub.

**16.** Meta tagħti l-approvazzjoni tagħha għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-Korporazzjoni għandha tikkonferma l-approvazzjoni tagħha bil-miktub u ssemmi l-kondizzjonijiet li għandhom ikunu sodisfatti minn kumpannija jew intrapriża, skond ma jkun il-każ, u d-dritt tal-kumpannija jew intrapriża għall-benefiċċji pprovduti minn dawn ir-regolamenti jkunu dipendenti fuq it-turija ta' tali approvazzjoni bil-miktub mill-kumpannija jew intrapriża.

Applikazzjoni.

**17.** Kull applikazzjoni li trid tiġi sottomessa lill-Korporazzjoni sabiex jittieħed benefiċċju minn xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-Att jew ta' dawn ir-regolamenti għandha tkun fil-forma u tikkomprendi dawk id-dettalji mitluba mill-Korporazzjoni.

Benefiċċju massimu għal proġetti ta' investiment. *Emendat: A.L. 192 ta' l-2006.*

**18.** (1) L-ammont totali li kumpannija tista' tibbenefika minnu għal proġett ta' investiment skond ir-regolamenti 5, 8 u 9 u l-artikoli 6, 7, 24B u 24Ċ ta' l-Att m'għandux, meta l-kumpannija ma tikkwalifikax bħala intrapriża żgħira jew ta' daqs medju, jeċċedi l-ogħla ta' -

(*a*) 30% ta' l-ispiża kwalifikanti għal dak il-proġett ta' investiment; jew

(*b*) 30% ta' l-ispiża tal-paga għall-ewwel erbgħa w għoxrin xahar ta' individwi li għalihom ġew maħluqa postijiet tax-xogħol skond ir-regolament 5(7) sa (11).

(2) Il-benefiċċju msemmi fis-subregolament (1) u fir-

regolament 12 għandu jkun il-benefiċċju nett li tgawdi il-kumpannija wara li jitnaqqsu kwalunkwe taxxi pagabbli mill-kumpannija bħala riżultat talli rċeviet xi għajnuna taħt l-imsemmija regolamenti w artikoli, u fejn il-benefiċċju jittgawda mill-kumpannija matul numru ta' snin, il-benefiċċju ikun mnaqqas għal valur preżenti b'rata ta' skont ekwivalenti għall-perċentwali msemmija fir-regolament 5(12) u bl-użu ta' dawk il-metodi li tiddeċiedi l-Korporazzjoni.

(3) Biex tiddeċiedi jekk id-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament u tar-regolament 12 humiex jew ġewx sodisfatti, fejn il-kondizzjonijiet ta' xi *soft loan* jew ta' xi sussidju fuq ir-rata ta' imgħax mogħtija skond ir-regolamenti 8 jew 9 huma mibdula jew xi ammont ta' xi *soft loan*, jew parti minnu, jitħallas qabel suppost (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħin b'mod kollettiv "bidla"), jekk bħala konsegwenza ta' tali bidla -

(*a*) l-ammont li seta' jintalab minn kumpannija skond l-artikolu 7 ta' l-Att jew skond ir-regolament 5 jeċċedi l-ammont effettivament mitlub, il-kumpannija jkollha d-dritt titlob dak l-ammont addizzjonali, taħt dak l-artikolu jew regolament, sabiex ikun jista' jiġi ddeterminat l-*income* taxxabbli jew taxxa li għandha titħallas skond il-każ għas-sena ta' stima li d-data ta' sottomissjoni tal-prospett tat-taxxa tagħha tiġi wara d-data li fiha dik il-bidla tkun saret;

(*b*) l-*income* taxxabbli jew taxxa fuq l-*income* li għandu jitħallas minn kumpannija għal xi sena ta' stima teċċedi dak li ddikjarat fil-prospett tat-taxxa tagħha jew li ħallset għal dik is-sena ta' stima, dan il-fatt ma jitqiesx bħala nuqqas għall-finijiet ta' l-Atti dwar it-Taxxi; u kwalunkwe taxxa li jkollha titħallas bħala konsegwenza ta' tali bidla tkun meqjusa li tkun taxxa fuq l-*income* li għandu jitħallas għas-sena ta' stima li d-data ta' sottomissjoni tal-prospett tat-taxxa tagħha tiġi wara d-data li fiha dik il-bidla tkun saret.

Ċertifikat li jikkonferma li kondizzjonijiet ġew sodisfatti.

**19.** Ċertifikat maħruġ mill-Korporazzjoni li jikkonferma li xi disposizzjoni ta' l-Att jew ta' dawn ir-regolamenti ġiet osservata jew illi l-kalkolu ta' xi inċentiv pprovdut mill-Att jew minn dawn ir-regolamenti huwa korrett ikun, bla preġudizzju għal xi provi oħra li jkollha l-kumpannija jew l-intrapriża, prova konkluživa ta' l-affarijiet imsemmija fiċ-ċertifikat.

Kopji ta' prospetti tat-taxxa fuq l-*income* u avviż lill-Korporazzjoni. *Emendat: A.L. 228 ta' l-2002.*

**20.** (1) Kumpannija li titlob benefiċċju taħt l-Att jew taħt dawn ir-regolamenti fis-sena ta' stima 2001 jew fis-snin ta' stima sussegwenti, għandha tagħti lill-Korporazzjoni kopja ta' kull prospett tat-taxxa fuq l-*income*, dikjarazzjonijiet finanzjarji verifikati u dokumenti TIFD, u kull informazzjoni jew dokumenti oħra relatati mad-dħul taxxabbli li jkun gej mill-kummerċ jew negozju tal-kumpannija għas-sena ta' stima li għaliha tkun qed titlob il-benefiċċju, fi żmien tliet xhur mid-data li tiġi l-aktar kmieni:

(i) l-aħħar data meta l-kumpannija għandha l-obbligu li tibgħat tali prospetti u dokumenti lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni; jew

(ii) id-data li fiha effetivament tkun issottomettiet tali prospetti u dokumenti lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni;

u meta kumpannija tissottomenti xi prospetti addizzjonali, aġġustamenti jew xi informazzjoni oħra relevanti għall-prospetti u dokumenti msemmija aktar 'il quddiem, il-kumpannija għandha wkoll tagħti kopja ta' dawn il-prospetti jew informazzjoni addizzjonali fi żmien tliet xhur mid-data ta' meta l-istess prospetti, aġġustamenti jew informazzjoni addizzjonali ikunu ġew sottomessi lid-Dipartiment tad-Taxxi Interni.

(2) Kumpannija kwalifikanti li talbet xi benefiċċju pprovdut minn jew taħt l-Att għas-sena ta' stima 2000 għandha tipprovdi lill-Korporazzjoni kopja tal-prospett tat-taxxa tagħha għas-sena ta' stima 2000 sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju, 2001 jew data oħra iżjed tard kif tiddeċiedi l-Korporazzjoni.

(3) Kumpannija kwalifikanti li għandha l-intenzjoni li tibbenefika minn xi inċentivi mogħtija taħt l-artikoli 4, 5 u 5A ta' l-Att f'xi sena wara s-sena ta' stima 2000 għandha tavża lill-Korporazzjoni b'tali intenzjoni sat-30 ta' Ġunju, 2001, jew xi data oħra iżjed tard kif tiddeċiedi l-Korporazzjoni, billi tispeċifika:

(*a*) dawk is-snin ta' stima li x'aktarx fihom għandha intenzjoni tikkwalifika għall-benefiċċju msemmi fl-artikolu 4 ta' l-Att jew għall-benefiċċju msemmi fl-artikolu 5 ta' l-Att permezz ta' l-artikolu 5(6)(*b*);

(*b*) dawk is-snin ta' stima li x'aktarx fihom għandha intenzjoni tikkwalifika għall-benefiċċji msemmija fl-artikolu 5A ta' l-Att jew għall-inċentivi msemmija fl-artikolu 5 ta' l-Att, ħlief permezz ta' l-artikolu 5(6)(*b*) ta' l-Att;

u f'każ li kumpannija kwalifikanti tispeċifika li għandha intenzjoni tikkwalifika b'dan il-mod, tali kumpannija tista', u jekk tintalab mill-Korporazzjoni għandha, tipprovdi dikjarazzjonijiet, pjanijiet ta' negozju u estimi finanzjarji sabiex isostnu l-intenzjoni tal-kumpannija biex hekk tikkwalifika.

(4) Kumpannija kwalifikanti li għandha l-intenzjoni li tibbenefika mill-inċentivi msemmija fl-artikoli 4, 5 u 5A ta' l-Att f'sena sussegwenti għas-sena ta' stima 2002 għandha, minkejja l-fatt li tkun diġà nfurmat lill-Korporazzjoni skond is-subregolament (3), għandha tinforma lill-Korporazzjoni b'tali intenzjoni mhux aktar tard minn tletin (30) ġurnata mid-9 ta' Awissu, 2002, jew sa data oħra iżjed tard kif tiddeċiedi l-Korporazzjoni, billi timla l-formola li hemm annessa fl-Iskeda, li qed tigi ppublikata fit-test Ingliż biss, u kull kumpannija li tonqos milli tinforma lill-Korporazzjoni kif hawn provdut titlef id-dritt tagħha li tkun eliġibbli għall-benefiċċji provduti b'dawk l-artikoli.

(5) Kumpannija kwalifikanti tkun intitolata għall-inċentivi provduti fl-artikoli 4, 5 u 5A ta' l-Att, f'xi sena ta' stima sussegwenti għas-sena ta' stima 2002, biss skond kif tkun indikat hija stess fin-notifikazzjoni li tkun bagħtet lill-Korporazzjoni skond is-subregolament (4).

*Database* ta' għajnuna mogħtija.

**21.** Il-Korporazzjoni għandha żżomm *database* ta' kull għajnuna mogħtija lil kumpanniji w intrapriżi kwalifikanti sabiex tkun tista' -

(*a*) tivverifika jekk id-disposizzjonijiet ta' l-Att u ta' dawn ir-regolamenti ġewx osservati;

(*b*) tipprovdi lill-Bord ta' Sorveljanza fuq l-Għajnuna dik l-informazzjoni li jitlob; u

(*ċ*) tinforma lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni jekk il-benefiċċji mitluba skond l-Att u skond dawn ir-regolamenti ġewx ikkalkolati kif suppost.

Għotjiet mhux taxxabbli. *Emendat: A.L. 98 ta' l-2003; A.L. 192 ta' l-2006.* Kap. 463.

**22.** (1) Benefiċċji u għotjiet provduti skond dawn ir-regolamenti jew l-Att jew skond l-Att dwar il-Korporazzjoni Maltija għall-Intrapriża huma eżenti mit-taxxa fuq l-*income* u d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 36 ta' l-Att għandhom japplikaw għal dawn l-għotjiet kif id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu japplikaw għall-għotjiet imsemmija fis-subartikolu (4)(*b*) ta' dak l-artikolu.

(2) Għall-finijiet tas-subregolament (1), il-benefiċċju mogħti mir-regolamenti 8 u 9 għandu jkun id-differenza bejn l-imgħax mitlub mill-Korporazzjoni u l-imgħax li normalment jintalab minn bank kummerċjali f'Malta kif determinat mill-Korporazzjoni u l-kumpannija li tibbenfika minn dawn ir-regolamenti tkun intitolata tnaqqas il-benefiċċju mogħti lilha matul perjodu ta' kontjar mid-dħul taxxabbli ta' dak il-perjodu ta' kontjar.

Benefiċċju mogħtija lil ċerti soċjetajiet jgħaddu għal fuq is-soċji.

**23.** Meta xi benefiċċju pprovdut minn dawn ir-regolamenti jew mill-Att huwa mogħti lil soċjetà kummerċjali u, skond l-Atti dwar it-Taxxi, s-soċji tagħhom u mhux is-soċjetà kummerċjali huma taxxabbli fuq kull *income* ta' dik is-soċjetà kummerċjali, kull benefiċċju hekk mogħti minn dawn ir-regolamenti jew mill-Att lil xi soċjetà kummerċjali ikun dovut u jingħata lis-soċji ta' dik is-soċjetà kummerċjali.

Ċerti soċjetajiet kummerċjali. *Emendat: A.L. 228 ta' l-2002.* Kap. 123.

**24.** Soċjetà kummerċjali, li mhijiex soċjetà in akkomandita li l-kapital tagħha huwa maqsum f'azzjonijiet għandha tkun, għall-finijiet ta' l-artikolu 15 ta' l-Att u l-artikolu 56(20) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, kunsidrata li hi kumpannija, kif imfissra f'dak l-Att, u d-disposizzjonijiet ta' dak is-subartikolu jkunu applikabbli lil dik is-soċjetà bl-istess mod li jkunu applikabbli lil kumpannija li għandha bħala azzjonisti s-soċji ta' dik is-soċjetà kummerċjali li għandhom l-istess drittijiet fil-kumpannija illi għandhom fis-soċjetà kummerċjali.

Kumpannija kwalifikanti.

**25.** Meta xi disposizzjoni f'dawn ir-regolamenti jew fl-Att tirreferi għal kumpannija kwalifikanti, din il-kumpannija għandha, ħlief kumpannija li l-attività tagħha tinkludi l-attivitajiet imsemmija fir-regolament 4(3)(*h*), tinkludi kumpannija li tikkwalifika għall-inċentivi msemmija fir-regolamenti 4 jew 5 u tali kumpannija tkun intitolata għall-benefiċċju msemmi f'dik id-disposizzjoni.

Eżami ta' dokumentazzjoni. *Emendat: A.L. 228 ta' l-2002.*

**26.** Meta xi benefiċċju ġie pprovdut skond dawn ir-regolamenti jew l-Att lil kumpannija jew intrapriża, l-Korporazzjoni tista' -

(*a*) minn żmien għal żmien tagħmel jew tirranġa biex isir dak l-eżami ta' kotba, dokumenti, fondi u ta' kull ħaġa

jew oġġett ieħor li jkun ta' dik il-kumpannija jew intrapriża bħalma jkun meħtieġ sabiex jiġi żgurat li l-għajnuna tkun qed tiġi użata għall-għan li għalih tkun ingħatat; u

(*b*) titlob dawk ir-rapporti finanzjarji mingħand dik il-kumpannija jew dik l-intrapriża kif tista' teħtieġ, sabiex dawn jintbagħtulha kull tlett xhur jew f'intervalli iqsar fid-diskrezzjoni tal-Korporazzjoni.

Differiment ta' inċentivi ta' taxxa fuq investiment. *Emendat: A.L. 228 ta' l-2002.*

**27.** Kumpannija li hija intitolata għall-benefiċċju msemmi fir-regolament 5 tista', jekk hekk tagħżel, tiddiferixxi li titlob il-benefiċċju, jew parti minnu, li għalih tista' tkun intitolata f'xi sena ta' stima għal sena jew snin ta' stima sussegwenti u f'tali każ il-benefiċċju hekk differit u mitlub fi kwalunkwe waħda minn dawn is-snin ta' stima sussegwenti jkun meqjus bħala parti mill-benefiċċju, jew bħala l-benefiċċju, li tkun intitolata għalih dik il-kumpannija għal dik is-sena; iżda kwalunkwe benefiċċju msemmi fir-regolament 5 li huwa hekk differit m'għandux jiġi miżjud bil-perċentwali msemmija fl-ewwel proviso għar-regolament 5(12).

Drittijiet f'każ ta' ċessjoni ta' ċerti inċentivi. *Sostitwit: A.L. 228 ta' l-2002. Emendat: A.L. 128 ta' l-2003.*

**28.** (1) Kumpannija kwalifikanti, kif imfissra fl-Att, li l-attivitajiet tagħha mhumiex attivitajiet kwalifikanti skond ir-regolament 4(3) u:

(*a*) li, f'xi waħda mill-ħames snin ta' stima, li jinkludu u jintemmu bis-sena ta' stima 2002, ibbenefikat mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 4, 5 jew 5A b'tali mod li ta' l-inqas 10% ta' l-*income* taxxabbli tagħha derivat mill-kummerċ jew negozju tagħha, għal kwalunkwe waħda minn dawk is-snin ta' stima, kkalkolat qabel ma' jitqiesu d-disposizzjonijiet ta' l-istess artikoli, ġiet eżentata mit-taxxa jew soġġetta għal rati mnaqqsa ta' taxxa fuq l-*income* skond dawk l-artikoli; jew

(*b*) li hija reġistrata skond il-liġi ta' Malta, jew reġistrata bħala kumpannija barranija mar-Reġistratur tal-Kumpanniji fi jew wara l-1 ta' Novembru 2000 iżda qabel it-12 ta' Ġunju 2001, u li kienet tkun intitolata għall-benefiċċji msemmija fl-artikoli 4, 5 jew 5A ta' l-Att, li ma kienx għall-artikoli 4(6), 5(7) u 5A(6) ta' l-Att, u li kieku hekk kienet tikkwalifika, kien ikollha ta' l-inqas 10% ta' l-*income* taxxabbli tagħha derivat mill-kummerċ jew negozju tagħha għas-sena ta' stima 2002 jew 2003, kkalkolat qabel ma' jitqiesu d-disposizzjonijiet ta' l-istess artikoli, li kien ikun eżentat mit-taxxa jew soġġett għal rati mnaqqsa ta' taxxa skond dawk l-artikoli,

għandha tikkwalifika għall-benefiċċji msemmija fir-regolamenti 4 u 5 jekk tissodisfa l-kondizzjonijiet relevanti l-oħra sabiex tikkwalifika għall-benefiċċji pprovduti minn dawk ir-regolamenti, u jekk, safejn ikun applikabbli, tirrevoka, sat-30 ta' April 2003 skond l-artikolu 34(2) ta' l-Att, id-dritt tagħha li tkun eliġibbli għall-benefiċċji pprovduti fl-artikoli 4, 5 u 5A ta' l-Att b'effett mis-sena ta' stima 2004 minn xi sena jew sena ta' stima preċedenti; u l-attivitajiet ta' negozju ta' dik il-kumpannija kwalifikanti jkunu, għal dik il-kumpannija biss, meqjusa bħala attivitajiet msemmija

fir-regolament 4(3):

Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament ma japplikawx għal kumpannija kwalifikanti għal sena ta' stima jekk, fil-perjodu ta' kontjar li jintemm fis-sena li tippreċedi dik is-sena ta' stima, kien hemm tibdil materjali fl-attivitajiet ta' kummerċ ta' dik il-kumpannija kwalifikanti:

Iżda wkoll kumpannija li kienet tkun intitolata li tibbenefika mill-inċentivi fuq imsemmija kif provdut f'dan is-subregolament f'xi waħda mis-snin ta' stima fuq imsemmija iżda li ma tkunx hekk ibbenefikat, jew ma kienitx hekk tibbenefika, unikament minħabba l-fatt li ma kellhiex *income* taxxabbli jew ma tkunx talbet il-benefiċċju, tkun meqjusa bħala kumpannija li dan ir-regolament jirreferi għaliha:

Iżda wkoll għall-finijiet ta' dan is-subregolament il-perjodu bażi msemmi fl-artikolu 5(2) ta' l-Att ikun meqjus li huwa żero.

(2) Ċertifikat maħruġ mill-Korporazzjoni li jkun jikkonferma illi kumpannija tissodisfa d-disposizzjonijiet tas-subregolament (1), jew li ma kien hemm ebda tibdil sostanzjali fil-kummerċ jew negozju tal-kumpannija, ikun prova konklużiva ta' dawk il-fatti.

Dati li minnhom 'l quddiem ċerti disposizzjonijiet ta' l-Att ma jibqgħux applikabbli. *Emendat: A.L. 228 ta' l-2002; A.L. 98 ta' l-2003.*

**29.** (1) Id-data msemmija -

(*a*) fil-proviso għall-artikolu 3(2) ta' l-Att;

(*b*) fir-raba' proviso għall-artikolu 3(8) ta' l-Att;

(*ċ*) fl-artikolu 4(6) ta' l-Att;

(*d*) fl-artikolu 5(7) ta' l-Att;

(*e*) fl-artikolu 5A(6) ta' l-Att;

(*f*) fit-tielet proviso għall-artikolu 15 ta' l-Att;

(*g*) fl-artikolu 16(11) ta' l-Att;

(*h*) fl-artikolu 23(6) ta' l-Att, iżda biss għar-rigward tal-paragrafi (*a*) u (*b*) tiegħu; u

(*i*) fl-artikolu 24A(6) ta' l-Att,

hija l-1 ta' Novembru, 2000.

(2) Id-data msemmija fl-artikolu 18(7) ta' l-Att hija it-22 ta' Marzu, 2001.

(3) Is-sena ta' stima msemmija -

(*a*) fl-artikolu 11(2) ta' l-Att;

(*b*) fl-artikolu 12(4) ta' l-Att;

(*ċ*) fit-tielet proviso għall-artikolu 13 ta' l-Att; u

(*d*) fil-proviso għall-artikolu 14 ta' l-Att,

hija s-sena ta' stima 2002.

(4) Id-data msemmija -

(*a*) fl-artikolu 10(3) ta' l-Att;

(*b*) fl-artikolu 19(8) ta' l-Att;

(*ċ*) fl-artikolu 20(4) ta' l-Att; u

(*d*) fl-artikolu 23(6) ta' l-Att, iżda biss għar-rigward tal-paragrafu (ċ) tiegħu,

hija l-1 ta' Jannar, 2002.

(5) Is-sena ta' stima msemmija fl-artikolu 8(8) ta' l-Att għandha tkun is-sena ta' stima 2002.

(6) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subregolament (3), is-sena ta' stima li ssir referenza għaliha fl-artikolu 11(5) ta' l-Att għandha tkun is-sena ta' stima 2001.

Privatizzazzjoni. *Miżjud: A.L. 228 ta' l-2002. Emendat: A.L. 98 ta' l-2003; A.L. 464 ta' l-2004.*

**30.** Jekk kumpannija kienet, fi jew wara l-1 ta' Novembru, 2000, ikkontrollata ta' l-inqas ħamsin fil-mija tagħha, direttament jew indirettament, mill-Gvern u mhux inqas minn ħamsin fil-mija ta' l-ishma tal-kumpannija kienu proprjetà, direttament jew indirettament, tal-Gvern, jekk l-imsemmija ishma jinxtraw kollha minn xi persuna jew persuni li m'humiex taħt il-kontroll tal-Gvern, u tali kumpannija hija intitolata għall-benefiċċji msemmija fir-regolamenti 4 u 5:

(*a*) il-kumpannija tkun meqjusa bħala kumpannija li għaliha jirreferi r-regolament 4(2)(*b*) u r-regolament 4(8) ma jkunx applikabbli għaliha; u

(*b*) assi proprjetà tal-kumpannija fid-data li fiha l-imsemmija ishma jinxtraw, għandhom jitqiesu bħala spiża kwalifikanti minfuqa minn tali kumpannija f'dik id-data b'valur li jiġi ddeterminat mill-Korporazzjoni:

Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan is-subregolament ma jkunux applikabbli meta huma applikabbli id-disposizzjonijiet tas-subregolament (2):

Iżda wkoll id-disposizzjonijiet ta' dan is-subregolament għandhom ikunu biss japplikaw meta l-kumpannija, li l-ishma tagħha jiġu akkwistati mingħand il-Gvern, tkun għalqet jew temmet il-ħidmiet tagħha, jew inkella kienet tkun għalqet jew kienet tkun temmet il-ħidmiet tagħha, li kieku l-ishma tagħha ma kienux ġew akkwistati mingħand il-Gvern, u sakemm il-kumpannija ma tkunx ditta li tkun tinsab f'diffikultà.

(2) Meta kumpannija (hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejħa "l-ewwel kumpannija") li kienet intitolata għal eżenzjoni mit-taxxa fuq l-*income*, kienet fl-1 ta' Novembru, 2000 jew wara, direttament jew indirettament ikkontrollata għal kollox u proprjetà tal-Gvern u għall-iskop ta' privatizzazzjoni l-operazzjonijiet imwettqa minn dik il-kumpannija, in-negozju ta' dik il-kumpannija flimkien ma' l-assi, passiv, drittijiet u obbligazzjonijiet, jigu trasferiti lill-kumpannija oħra (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "t-tieni kumpannija") li ukoll tkun għal kollox ikkontrollata u proprjetà tal-Gvern, u t-tieni kumpannija tkun kumpannija li tkun intitolata għall-benefiċċji pprovduti bir-regolamenti 4 u 5:

(*a*) it-tieni kumpannija għandha titqies li tkun kumpannija li għaliha jirreferi ir-regolament (4)(2)(*b*) u r-regolament 4(8) ma għandux japplika fir-rigward ta' dik il-kumpannija; u

(*b*) l-infieq li jkun sar mit-tieni kumpannija biex takkwista

l-assi ta' l-ewwel kumpannija għandhom jitqiesu bħala spiża kwalifikanti.

B'dan iżda d-disposizzjonijiet ta' dan is-subregolament għandhom japplikaw ukoll fejn l-attiv, passiv, drittijiet u obbligazzjonijiet, għall-iskop ta' privatizzazzjoni, jiġu trasferiti lit-tieni kumpannija minn xi entità jew korporazzjoni li tkun kollha kemm hi direttament jew indirettament proprjetà tal-Gvern, sakemm it-tieni kumpannija tkun intitolata għall-benefiċċji pprovvduti permezz tar-regolamenti 4 u 5.

Krediti ta' taxxa għal kumpanniji kbar.
*Miżjud: A.L. 98 ta' l-2003. Emendat: A.L. 128 ta' l-2003.*

**31.** (1) Meta kumpannija kwalifikanti -

(*a*) ma tikkwalifikax bħala intrapriża żgħira jew ta' daqs medju; u

(*b*) (i) tkun intitolata għal xi wieħed mill-benefiċċji pprovduti bl-artikoli 4, 5 jew 5A ta' l-Att sussegwenti għas-sena ta' stima 2003 u tirrinunzja, a tenur ta' l-artikolu 34(2) ta' l-Att, għad-dritt li jintitolaha tibbenefika mid-disposizzjonijiet ta' dawn l-artikoli b'effett mis-sena ta' stima 2004; jew

(ii) tkun intitolata għal xi wieħed mill-benefiċċji pprovduti bl-artikoli 18 jew 20 ta' l-Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta f'xi sena ta' stima sussegwenti għas-sena ta' stima 2003 u tirrinunzja, a tenur ta' artikolu 27(5) ta' l-Att għad-dritt tagħha li jintitolaha tibbenefika mid-disposizzjonijiet ta' dak l-Att b'effett mis-sena ta' stima 2004 u d-dritt tagħha li jintitolaha tibbenefika mid-disposizzjonijiet ta' artikolu 20 ta' dak l-Att b'effett mill-1 ta' Jannar, 2003; jew Kap. 334.

(*ċ*) (i) tkun irrinunzjat għad-dritt tagħha li jintitolaha għall-benefiċċji pprovvduti bl-artikoli 4, 5 u 5A ta' l-Att u bħala riżultat ta' dik ir-rinunzja ssir intitolata għall-benefiċċji pprovvduti bir-regolamenti 4 u 5; jew

(ii) minħabba xi tibdil fil-legislazzjoni, ma tibqax aktar intitolata li tibbenefika mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 4, 5 jew 5A ta' l-Att jew ta' l-artikoli 18 jew 20 ta' l-Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta, Kap. 334

tali kumpannija għandha, jekk il-Korporazzjoni hekk tapprova, tkun intitolata għall-benefiċċji pprovduti bir-regolamenti 4 u 5 u biex tutilizza l-krediti ta' taxxa pprovduti bir-regolamenti 32 sa 35, kif imnaqqsa bir-regolament 36, skond id-disposizzjonijiet tar-regolament 37; u għall-fini tar-regolament 4, tali kumpannija għandha, għas-snin ta' stima meta tista' tuża l-imsemmija krediti ta' taxxa skond ir-regolament 37, titqies bħala kumpannija li r-regolament 4(2)(*b*) jirriferi għaliha.

(2) Kumpannija tkun eliġibbli sabiex tikkwalifika għall-benefiċċji pprovduti b'xi wieħed mir-regolamenti msemmija fis-subregolament (1), jekk ikun ġie hekk determinat li tkun hekk

eliġibbli mill-Korporazzjoni.

(3) Hekk kif tkun ġiet sodisfatta li kumpannija tkun eliġibbli għal xi wieħed mir-regolamenti msemmija, il-Korporazzjoni għandha tipprovdi lil dik il-kumpannija b'ċertifikat li fih jiġi speċifikat x'ikunu il-krediti ta' taxxa u l-ammonti rispettivi tagħhom li l-kumpannija tkun intitolata għalihom.

(4) Ċertifikat maħruġ mill-Korporazzjoni skond is-subregolament (3) għandu, bla preġudizzju għal xi prova oħra li l-kumpannija jkollha, jkun prova konklużiva ta' dak li huwa dikjarat fih.

(5) Kumpannija li tkun tixtieq tagħmel użu mir-regolamenti msemmija, għandha tapplika għal determinazzjoni msemmija fis-subregolament (2) billi tissottometti applikazzjoni lill-Korporazzjoni.

(6) Id-disposizzjonijiet ta' artikolu 25 ta' l-Att għandhom, sa fejn huma applikabbli, japplikaw għall-inċentiv ipprovdut b'dan ir-regolament u bir-regolamenti 32 sa 37.

Krediti ta' taxxa fuq l-investiment.
*Miżjud:*
*A.L. 98 ta' l-2003.*

**32.** (1) Kumpanija li tkun ġiet determinata mill-Korporazzjoni bħala li tkun issodisfat il-kondizzjonijiet imsemmija fir-regolament 31(1) u f'dan ir-regolament, tkun intitolata għal kreditu fuq l-investiment li jkun ugwali għal persentaġġ ta' l-ispiża li tkun saret minn tali kumpannija fuq spiża kwalifikanti fi jew wara l-1 ta' Jannar, 1995 sal-31 ta' Diċembru, 2006 u għal dan l-iskop l-ispiża kwalifikanti li tkun saret sal-31 ta' Diċembru 2001 għandha tiġi moltiplikata b'$1.07^n$ (1.07 *to the power of "n"*) fejn "n" ikun numru li tasal għalih billi tnaqqas minn 2002 is-sena li matulha tkun saret l-ispiża:

Iżda l-ispiża kwalifikanti għandha tkun dik li tkun saret taħt programm approvat mill-kumpannija sal-31 ta' Diċembru, 2002 u notifikat lill-Korporazzjoni sa' data li tiddeċidi l-Korporazzjoni.

(2) Il-persentaġġ imsemmi fis-subregolament (1) għandu jkun:

(*a*) 75%, meta l-kumpanija kienet intitolata għal xi wieħed mill-benefiċċji pprovduti bl-artikoli 4, 5 jew 5A ta' l-Att jew bl-artikoli 18 jew 20 ta' l-Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta fi jew wara l-31 ta' Diċembru, 1999; Kap. 334.

(*b*) 50%, meta kumpannija saret intitolata għal xi wieħed mill-benefiċċji pprovduti bl-artikoli 4, 5 jew 5A ta' l-Att jew bl-artikoli 18 jew 20 ta' l-Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta fi jew wara l-1 ta' Jannar, 2000. Kap. 334.

Krediti ta' taxxa għal riċerka u żvilupp.
*Miżjud:*
*A.L. 98 ta' l-2003.*
*Emendat:*
*A.L. 128 ta' l-2003.*

**33.** (1) Kumpannija li tkun ġiet determinata mill-Korporazzjoni bħala li tkun issodisfat il-kondizzjonijiet imsemmija fir-regolament 31(1) u f'dan ir-regolament, tkun intitolata għal kreditu ta' taxxa għal riċerka u żvilupp li għandu jkun ugwali għal persentaġġ ta' l-ispiża eliġibbli li tkun saret minn dik il-kumpannija fi jew wara l-1 ta' Jannar 1995 sal-31 ta' Diċembru, 2006 u għal dan l-iskop l-ispiża eliġibbli li tkun saret sal-31 ta' Diċembru 2001 għandha tiġi moltiplikata b'$1.07^n$ (1.07 *to the power of "n"*) fejn "n" ikun numru li tasal għalih billi tnaqqas minn 2002 is-sena li matulha tkun saret l-ispiża:

Iżda l-ispiża kwalifikanti għandha tkun dik li tkun saret taħt programm approvat mill-kumpannija sal-31 ta' Diċembru, 2002 u tkun ġiet notifikata lill-Korporazzjoni sa' data li tiddeċiedi l-Korporazzjoni.

(2) Il-persentaġġ imsemmi fis-subregolament (1) għandu jkun:

(*a*) 75%, fejn l-ispiża tkun saret għal attivitajiet dwar riċerka fundamentali;

(*b*) 60%, fejn l-ispiża tkun saret għal attivitajiet dwar riċerka industrijali;

(*ċ*) 35%, fejn l-ispiża tkun saret għal attivitajiet dwar żvilupp;

(*d*) 75%, fejn l-ispiża tkun saret fuq studji preparatorji għal attivitajiet dwar riċerka industrijali;

(*e*) 60%, fejn l-ispiża tkun saret fuq studji preparatorji għal attivitajiet dwar żvilupp.

(3) F'dan ir-regolament:

(*a*) "attivitajiet dwar riċerka fundamentali" tfisser attività jew attivitajiet immirati biex iwessgħu l-għarfien xjentifiku u tekniku li ma jkunx marbut ma' objettivi industrijali u kummerċjali;

(*b*) "attivitajiet dwar riċerka industrijali" tfisser attività jew attivitajiet li jikkonsistu f'investigazzjoni kritika immirata lejn l-akkwist ta' l-għarfien bil-għan li dak l-għarfien ikun utli fl-iżvilupp ta' prodotti ġodda, proċessi jew servizzi jew biex jinkiseb titjib sinifikanti fil-prodotti, fil-proċessi u fis-servizzi eżistenti;

(*ċ*) "attivitajiet dwar żvilupp" tfisser attività jew attivitajiet li jikkonsistu fil-formulazzjoni tar-riżultati ta' riċerka industrijali fi pjan, arranġament jew disinn għal prodotti, proċessi jew servizzi ġodda, mibdula jew imtejba jew biex jinkiseb titjib sinifikanti f'prodotti, proċessi jew servizzi eżistenti, kemm jekk huma intenzjonati biex jinbiegħu kemm biex jiġu użati, inkluż il-ħolqien ta' prototipi inizjali li ma jkunux jistgħu jintużaw kummerċjalment u l-formulazzjoni konċettwali u d-disinn ta' prodotti , proċessi jew servizzi u d-dimostrazzjoni inizjali ta' proġetti jew ta' proġetti pilota, sakemm dawk il-prodotti ma' jkunux jistgħu jiġu konvertiti jew użati għal applikazzjonijiet industrijali jew esplojtazzjoni kummerċjali, imma jkunu esklużi kambjamenti ta' rutina jew perjodiċi li jsiru fuq prodotti, linji ta' produzzjoni, proċessi ta' manifattura, servizzi eżistenti u ħidmiet oħra li jkunu qegħdin isiru ukoll jekk tali kambjamenti jistgħu jkunu jirrappreżentaw xi titjib.

(4) L-ispiża eliġibbli tkun tikkonsisti fi:

(*a*) l-ispejjeż għall-persunal li jinkludu ħlasijiet għal servizzi mogħtija minn riċerkaturi, tekniċi u impjegati oħra, attribwibbli għal ħin li dawk l-impjegati jkunu

qattgħu fuq l-attività ta' riċerka u li jinkludi s-sehem ta' min iħaddem tal-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali attribwibbli għal dawk il-ħlasijiet;

(*b*) l-ispejjeż għal tagħmir, impjant u makkinarju u art u bini użati esklużivament għal attività dwar riċerka;

(*ċ*) il-ħlas għal kiri ta' tagħmir, impjant u makkinarju u art u bini għal perjodu ta' żmien użat għal attività dwar riċerka;

(*d*) l-ispejjeż ta' konsulenza u servizzi ekwivalenti użati esklużivament għall-attività ta' riċerka, inkluża r-riċerka, l-għarfien tekniku u l-privattivi mixtrija minn sorsi barranija;

(*e*) spejjeż addizzjonali minfuqa direttament bħala riżultat ta' l-attività dwar ir-riċerka;

(*f*) spejjeż oħra inklużi l-ispejjeż ta' materjal, provvisti u prodotti simili, minfuqa direttament bħala riżultat ta' l-attività dwar ir-riċerka.

Krediti ta' taxxa għat-taħriġ.
*Miżjud:*
*A.L. 98 ta' l-2003.*

**34.** (1) Kumpannija li tkun ġiet determinata mill-Korporazzjoni bħala li tkun issodisfat il-kondizzjonijiet imsemmija fir-regolament 31(1) u f'dan ir-regolament, tkun intitolata għal kreditu ta' taxxa għat-taħriġ li għandu jkun ugwali għall-persentaġġ ta' l-ispejjeż eliġibbli minfuqa minn dik il-kumpannija fi jew wara l-1 ta' Jannar, 1995 sal-31 ta' Diċembru, 2006 u għal dak l-iskop l-ispejjeż eliġibbli li jkunu saru sal-31 ta' Diċembru 2001 għandu jiġi moltiplikat b'$1.07^n$ (1.07 *to the power of "n"*) fejn "n" ikun numru li tasal għalih billi tnaqqas minn 2002 is-sena li matulha tkun saret l-ispiża:

Iżda l-ispiża kwalifikanti għandha tkun dik li saret taħt programm approvat mill-kumpannija sal-31 ta' Diċembru, 2002 u notifikat lill-Korporazzjoni sa' data li tiddeċidi l-Korporazzjoni.

(2) Il-persentaġġ imsemmi fis-subregolament (1) għandu jkun wieħed mill-persentaġġi kif imsemmija fir-regolament 14(1)(*b*) u jiddependi jekk it-taħriġ ikunx jikkwalifika bħala taħriġ ġenerali.

(3) L-ispejjeż eliġibbli msemmija fis-subregolament (1) ikunu l-ispejjeż kif deskritti fir-regolament 14(2).

(4) Għall-iskop biex jiġi kkalkolat il-kreditu ta' taxxa għal taħriġ provdut b'dan ir-regolament, il-kliem "taħriġ ġenerali" għandu jkollhom t-tifsira mogħtija lilhom bir-regolament 14(3).

Krediti għall-ambjent.
*Miżjud:*
*A.L. 98 ta' l-2003.*

**35.** (1) Kumpannija li tkun ġiet determinata mill-Korporazzjoni bħala li tkun issodisfat il-kondizzjonijiet imsemmija fir-regolament 31(1) u f'dan ir-regolament, tkun intitolata għal kreditu ta' taxxa għall-ambjent li għandu jkun ugwali għal 60% ta' l-ispejjeż eliġibbli li jkunu saru minn dik il-kumpanija fi jew wara l-1 ta' Jannar 1995 sal-31 ta' Diċembru 2006 u għal dan l-iskop l-ispiża eliġibbli li tkun saret sal-31 ta' Diċembru 2001 għandha tiġi moltiplikata b'$1.07^n$ (1.07 *to the power of "n"*) fejn "n" huwa numru li tasal għalih billi tnaqqas minn 2002 is-sena li matulha tkun saret l-ispiża:

Iżda l-ispejjez eliġibbli għandhom ikunu dawk li saru taħt

programm approvat mill-kumpannija sal-31 ta' Dicembru 2002 u li ġie nnotifikat lill-Korporazzjoni sa' data li tiddeċiedi l-Korporazzjoni.

(2) L-ispejjeż eliġibbli huma magħmula mill-ispejjeż msemmija fis-subregolament (3):

(*a*) meta tali spejjeż isiru sabiex jitnaqqas l-inkwinament u *nuisances* jew biex jaddottaw metodi sabiex jittieħed ħsieb l-ambjent; u

(*b*) sa' l-ammont li l-kumpannija m'għamlitx tali spejjeż biex tissodisfa kwalunkwe liġijiet jew regolamenti applikabbli.

(3) L-ispejjeż msemmija fis-subregolament (2) huma:

(*a*) l-akkwist ta' proprjetà li hi strettament neċessarja biex jintlaħqu għanijiet ambjentali;

(*b*) l-akkwist, żvilupp jew kostruzzjoni ta' bini jew strutturi, impjant u makkinarju;

(*ċ*) l-akkwist jew żvilupp ta' teknoloġija jew *know-how*, li -

(i) hi attiv li jiddepprezza skond il-principji ġeneralment accettati ta' kontjar;

(ii) akkwistata skond il-kondizzjonijiet tas-suq minn persuna li l-kumpannija ma tikkontrollax direttament jew indirettament;

(iii) inkluża fl-attiv tal-kumpannija li żżomm it-titolu ta' proprjetà jew użu jew kemm it-titolu ta' proprjetà u kemm l-użu ta' l-attiv intanġibbli għal perjodu ta' ħames snin jew perjodu iqsar jekk l-attiv intanġibbli huma teknikament skaduti qabel ma jkun għadda dan il-perjodu ta' ħames snin:

Iżda jekk dan l-attiv intanġibbi jitbiegħ qabel l-għeluq ta' ħames snin mid-data ta' l-akkwist jew qabel l-iżvilupp tiegħu jkun tlesta l-flus li jsiru mill-bejgħ għandhom jitnaqqsu mill-ammont ta' spejjeż eliġibbli.

Tnaqqis mill-krediti ta' taxxa. *Miżjud: A.L. 98 ta' l-2003. Emendat: A.L. 128 ta' l-2003.*

**36.** (1) It-totali ta' krediti ta' taxxa li għalihom kumpannija tista' tkun intitolata skond ir-regolamenti 32 sa 35, għandhom jitnaqqasu minnhom il-benefiċċji mogħtija lil dik il-kumpannija, fi jew wara l-1 ta' Jannar, 2001, bħala konsegwenza talli hi tkun ibbenefikat minn xi wieħed mill-benefiċċji pprovduti bl-artikoli 4, 5, 5A, 6, 7, 16, 19, 20 jew 24Ċ ta' l-Att jew bir-regolamenti 5, 8, 9 jew 14 jew permezz ta' l-artikoli 18 jew 20 ta' l-Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta u l-benefiċċji li għalihom tkun intitolata tali kumpannija jiġu kkalkolati kif ġej: Kap. 334.

(*a*) fil-każ ta' benefiċċju ta' taxxa fuq l-*income* ipprovvdut permezz ta' l-artikoli 4, 5, 5A, 6 u 7 ta' l-Att u bir-regolamenti 5 u 14 u bl-artikoli 18 jew 20 ta' l-Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta, l-benefiċċju jkun jikkonsisti fl-ammont ta' taxxa fuq l-*income* li kien ikollu jitħallas mill-kumpannija għal xi sena ta' stima Kap. 334.

fin-nuqqas tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli u r-regolamenti hawn fuq imsemmija, imnaqqas l-ammont ta' taxxa fuq l-*income* attwalment imħallas mill-kumpannija għal dik is-sena ta' stima u r-riżultat ta' dan it-tnaqqis għandu jiġi, għal kull sena ta' stima, moltiplikat b'$1.07^n$ (1.07 *to the power of "n"*) fejn "n" ikun numru pożittiv li tasal għalih billi tnaqqas minn 2002 is-sena ta' stima li matulha l-benefiċċju jkun ittieħed:

Iżda fejn il-profitti li fuqhom ġiet imposta t-taxxa fis-sena ta' stima 2002 jew 2003 jirrigwardjaw xi perjodu ta' kontijiet li jkun beda qabel l-1 ta' Jannar 2001, il-benefiċċju li jakkumula mill-1 ta' Jannar 2001 sa l-aħħar ta' dak il-perjodu ta' kontijiet għandu jiġi determinat billi jiġi diviż ir-riżultat tal-kalkolu kif deskritt hawn qabel għal dak il-perjodu ta' kontijiet bl-għadd totali ta' ġranet kompriżi f'dak il-perjodu ta' kontijiet u billi r-riżultat jiġi moltiplikat bl-għadd ta' ġranet f'dak il-perjodu ta' kontijiet li jkun hemm fl-2001 u fl-2002 skond kif dan japplika;

(*b*) fil-każ ta' benefiċċju pprovdut permezz ta' l-artikolu 16 ta' l-Att, il-benefiċċju għandu jirriżulta billi jiġi moltiplikat l-imgħax iffrankat wara t-taxxa mill-faċilità ta' *soft loan* f'kull sena sal-31 ta' Diċembru 2002 b'$1.07^n$ (1.07 t*o the power of "n"*) fejn "n" huwa numru li tasal għalih billi tnaqqas minn 2002 is-sena li fiha l-imgħax iffrankat wara t-taxxa ġie akkwistat u jiġi skuntat l-imgħax iffrankat wara t-taxxa li għandu jiġi akkwistat f'kull sena wara l-31 ta' Diċembru 2002 bil-fattur ta' skont $1/1.07^n$ (1 diviż b'1.07 *to the porver of "n"*) fejn "n" huwa n-numru li tasal għalih wara li tnaqqas 2002 mis-sena li fiha l-imgħax iffrankat wara t-taxxa għandu jiġi akkwistat, u l-imghax wara t-taxxa ffrankat għandu jiġi kkalkolat billi jiġi moltiplikat l-imgħax iffrankat bil-persentaġġ (100% - x%) fejn x% hija r-rata ta' taxxa fuq l-*income* applikabbli għall-kumpannija fin-nuqqas tad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli u regolamenti msemmija fil-paragrafu (*a*);

(*ċ*) fil-każ ta' għotja pprovduta bl-artikoli 19, 20 u 24Ċ ta' l-Att u bir-regolament 14, il-benefiċċju jkun l-ammont ta' l-għotja riċevuta f'kull sena sal-31 ta' Diċembru, 2002, liema ammont għandu jiġi moltiplikat b'$1.07^n$ (1.07 *to the power of "n"*) fejn "n" ikun in-numru li tasal għalih billi tnaqqas minn 2002 is-sena li fiha l-għotja tkun ġiet irċevuta;

Kap. 334.

(*d*) fil-każ ta' l-eżenzjoni mid-dazju pprovduta bl-artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta, il-benefiċċju jkun l-ammont ta' dazju eżentat liema ammont għandu jiġi moltiplikat b'$1.07^n$ (1.07 *to the power of "n"*) fejn "n" ikun numru li tasal għalih billi tnaqqas minn 2002 is-sena li fiha d-dazju eżentat kien ikun pagabbli;

(*e*) fil-każ ta' xi benefiċċju pprovdut bir-regolamenti 8 u 9, il-benefiċċju għandu jirriżulta billi jiġi moltiplikat il-benefiċċju ħieles mit-taxxa akkwistat f'kull sena sal-31 ta' Diċembru, 2002 b'$1.07^n$ (1.07 t*o the power of "n"*) fejn "n" huwa numru li tasal għalih billi tnaqqas minn 2002 is-sena li fiha il-benefiċċju ħieles mit-taxxa ġie akkwistat u l-benefiċċju wara t-taxxa ffrankat li jinkiseb f'kull sena wara l-31 ta' Diċembru 2006 bil-fattur ta' skont $1/1.07^n$ (1 diviż b'1.07 *to the power of "n"*) fejn "n" ikun n-numru li tasal għalih billi tnaqqas 2002 mis-sena li fiha l-benefiċċju ħieles mit-taxxa għandu jiġi akkwistat.

(2) Meta s-somma ta' tnaqqis stipulta f'dan ir-regolament tkun akbar mill-ammont ta' krediti ta' taxxa kkalkolati skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 32 sa 35, l-ammont ta' krediti ta' taxxa jiġi meqjus li jkun xejn.

(3) Tnaqqis fir-rigward ta' benefiċċji utilizzati a tenur ta' l-artikoli 19 u 20 ta' l-Att jew tar-regolament 14, għandha ssir biss jekk il-kumpannija titlob krediti ta' taħriġ a tenur tar-regolament 34.

(4) Tnaqqis fir-rigward ta' benefiċċji utilizzati a tenur ta' l-artikoli 6, 7 jew 16 ta' l-Att jew tar-regolamenti 5, 8 jew 9, għandha ssir biss jekk il-kumpanija titlob krediti a tenur tar-regolamenti 32, 33 jew 35 għal spejjeż fuq liema tkun ħadet benefiċċji a tenur ta' l-artikoli 6, 7 jew 16 ta' l-Att jew tar-regolamenti 5, 8 jew 9.

Utilizzazzjoni ta' krediti ta' taxxa.
*Miżjud:*
*A.L. 98 ta' l-2003.*
*Emendat:*
*A.L. 128 ta' l-2003;*
*A.L. 424 ta' l-2007.*

**37.** (1) B'effett mis-sena ta' stima 2004, kumpannija li hija intitolata għal xi benefiċċju pprovdut bir-regolamenti 32 sa 35 kif imnaqqsa bir-regolament 36 (minn issa 'l quddiem f'dan ir-regolament kollettivament imsejjħa "il-krediti ta' taxxa") għandha tkun intitolata li tutilizza dawk il-krediti ta' taxxa biss bil-mod kif ser jigi deskritt hawn taħt:

(*a*) f'każ li l-kumpannija tkun saret hekk intitolata minħabba f'li l-istess kumpannija kienet intitolata għall-inċentiv ipprovdut permezz ta' l-artikolu 4 ta' l-Att, hija tkun intitolata li tnaqqas mill-ammont ta' taxxa fuq l-*income* dovut fuq d-dħul taxxabbli li jkun gej minn negozju jew kummerċ tagħha, għas-snin ta' stima konsekuttivi li jkunu jiffurmaw parti mill-għaxar snin ta' stima originali msemmija fl-artikolu 4(1) ta' l-Att, sussegwenti għas-sena ta' stima 2003, l-ammont ta' krediti ta' taxxa u b'effett mis-sena ta' stima 2004 u snin ta' stima sussegwenti fejn il-krediti ta' taxxa jeċċedu t-taxxa fuq l-*income* pagabbli minn tali kumpannija għal xi waħda minn dawk is-snin, l-eċċess għandu jiżdied bil-persentaġġ imsemmi fl-ewwel proviso għar-regolament 5(12), u l-ammont hekk miżjud għandu jitqies bħala l-ammont li l-kumpannija tkun intitolata tnaqqas mill-ammont ta' taxxa fuq l-*income* li huwa dovut fuq id-dħul taxxabbli tagħha, ġej minn negozju jew kummerċ tagħha għas-snin ta' stima konsekuttivi li jifdal kif fuq imsemmi;

(*b*) f'każ li kumpannija tkun saret hekk intitolata minħabba li din kienet hekk intitolata għall-inċentiv ipprovvdut bl-artikolu 5 ta' l-Att, hija tkun intitolata li tnaqqas mill-ammont sħiħ jew minn proporzjon ta' l-ammont ta' taxxa fuq l-*income* dovuta fuq id-dħul taxxabbli tagħha li jkun ġie mill-kummerċ jew negozju tagħha għas-snin ta' stima li jifdal li fihom l-kumpannija tkun għadha intitolata li tibbenefika mill-inċentiv ipprovdut mill-imsemmi artikolu 5 sussegwenti għas-sena ta' stima 2003, l-ammont ta' krediti ta' taxxa u b'effett mis-sena ta' stima 2004 u snin ta' stima sussegwenti fejn il-krediti ta' taxxa jeċċedu dik it-taxxa fuq l-*income* pagabbli minn tali kumpannija għal xi waħda minn dawk is-snin, l-eċċess għandu jiżdied bil-persentaġġ imsemmi fl-ewwel proviso tar-regolament 5(12) u l-ammont hekk miżjud għandu jkun l-ammont li l-kumpannija tkun intitolata li tnaqqas mill-ammont sħiħ jew minn proporzjon ta' l-ammont ta' taxxa fuq l-*income* dovut fuq id-dħul taxxabbli tagħha, li jkun ġej mill-kummerċ jew negozju tagħha, għas-snin ta' stima li jifdal fuq imsemmija; u "l-ammont sħiħ jew proporzjon ta' l-ammont ta' taxxa fuq l-*income* dovut" għandu jiġi determinat billi jiġi moltiplikat l-ammont sħiħ ta' taxxa fuq l-*income* dovut fuq id-dħul taxxabbli tal-kumpannija li jkun ġej mill-kummerċ jew negozju tagħha, b'persentaġġ li jiġi kkalkolat billi tiġi diviża t-taxxa fuq l-*income* dovuta f'xi sena ta' stima, skond ma jista' jiġi determinat mill-kumpannija, bejn is-sena ta' stima 1995 u s-sena ta' stima 2003, li dwarhom il-kumpannija tkun ikkwalifikat għall-inċentiv kif provdut bl-artikolu 5 ta' l-Att, bit-taxxa fuq l-*income* li kieku kienet tkun pagabbli mill-kumpannija fin-nuqqas ta' dak l-inċentiv, u l-frazzjoni li tirriżulta titnaqqas minn numru wieħed (1), u r-riżultat għandu jiġi moltiplikat b'100:

Iżda meta kumpannija turi, u l-Korporazzjoni tkun hekk sodisfatta, illi l-persentaġġ kif kalkolat skond id-disposizzjonijiet fuq imsemmija jkun sostanzjalment differenti minn dak raġonevolment mistenni mill-kumpannija, il-Korporazzjoni tista' tapprova persentaġġ ieħor ibbażat fuq provi provduti mill-kumpannija;

(*ċ*) f'każ li l-kumpannija tkun saret hekk intitolata minħabba li kienet intitolata għall-inċentiv provdut bl-artikolu 5A ta' l-Att, hija tkun intitolata tnaqqas mill-ammont sħiħ jew minn proporzjon ta' l-ammont ta' taxxa fuq l-*income* dovuta fuq id-dħul taxxabbli li jkun ġie mill-kummerċ u minn negozju tagħha għas-snin ta' stima li jifdal, il-kumpannija tkun xorta intitolata li tibbenefika mill-inċentivi provduti bl-imsemmi artikolu 5A sussegwenti għas-sena ta' stima 2003, l-ammont ta' krediti ta' taxxa u b'effett mis-sena ta'

stima 2004 u snin ta' stima sussegwenti fejn il-krediti ta' taxxa jeċċedu it-taxxa fuq l-*income* pagabbli minn tali kumpannija għal xi waħda minn dawk is-snin, l-eċċess għandu jiżdied bil-persentaġġ imsemmi fl-ewwel proviso tar-regolament 5(12) u l-ammont hekk miżjud għandu jkun l-ammont li l-kumpannija tkun intitolata li tnaqqas mill-ammont sħiħ jew minn proporzjon ta' l-ammont ta' taxxa fuq l-*income* li jkun dovut fuq id-dħul taxxabbli tagħha, li jkun ġej mill-kummerċ jew negozju tagħha, għas-snin ta' stima li jifdal hawn qabel imsemmija; u "l-ammont sħiħ jew proporzjon ta' l-ammont ta' taxxa fuq l-*income* dovut" għandu jiġi determinat billi jiġi moltiplikat l-ammont sħiħ ta' taxxa fuq l-*income* dovut fuq id-dħul taxxabbli tal-kumpannija, li jkun ġej mill-kummerċ jew negozju tagħha, b'persentaġġ li jiġi kkalkolat billi tiġi diviża t-taxxa fuq l-*income* dovuta f'xi sena ta' stima, skond kif jista' jiġi determinat mill-kumpannija, bejn is-sena ta' stima 1995 u s-sena ta' stima 2004, li dwarhom il-kumpannija tkun ikkwalifikat għall-inċentiv ipprovdut bl-artikolu 5A ta' l-Att, bit-taxxa fuq l-*income* li kieku kienet tkun pagabbli mill-kumpannija fin-nuqqas ta' dak l-inċentiv, u l-frazzjoni li tirriżulta titnaqqas minn numru wieħed (1), u r-riżultat għandu jiġi moltiplikat b'100:

Iżda meta kumpannija tipprova għas-sodisfazzjon tal-Korporazzjoni, illi l-persentaġġ kif kalkolat skond id-disposizzjonijiet hawn qabel imsemmija jkun sostanzjalment differenti minn dak raġonevolment mistenni mill-kumpannija, il-Korporazzjoni tista' tapprova persentaġġ differenti li jkun ibbażat fuq il-provi pprovduti mill-kumpannija:

Iżda wkoll il-jedd għal tali tnaqqis għandu jkun jiddependi minn jekk il-kumpannija tkunx tissodisfa l-kondizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-imsemmi artikolu 5A għal dik is-sena ta' stima;

(*d*) għall-finijiet tal-paragrafi (*b*) u (*ċ*):

(i) kumpannija li kienet tkun intitolata tibbenefika mill-inċentivi bl-imsemmija artikoli 5 u 5A f'xi sena ta' stima bejn is-sena ta' stima 1995 sas-sena ta' stima 2003, iżda li ma tkunx hekk ibbenefikat biss minħabba l-fatt li ma kellhiex dħul taxxabbli, għandha titqies bħala kumpannija li kienet tikkwalifika għall-inċentiv ipprovdut bl-artikoli 5 jew 5A, skond il-każ, u d-dħul taxxabbli tagħha għal dik is-sena ta' stima għandu jitqies li jkun ta' €232.94;

(ii) għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-persentaġġ hemm imsemmi, it-taxxa fuq l-*income* dovuta f'xi sena ta' stima bejn is-sena ta' stima 1995 sas-sena ta' stima 2003 għandha tiġi kalkolata abbażi tal-fatt li l-profitti fiż-żmien bażi msemmija fl-artikolu 5(2) ta' l-Att ikunu

meqjusa bħala żero;

(iii) is-snin ta' stima li jifdal li fir-rigward tagħhom kumpannija tkun intitolata li tibbenefika mid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 5 ta' l-Att sussegwenti għas-sena ta' stima 2003 għandhom ikunu snin ta' stima konsekuttivi li jibdew għaddejin mis-sena ta' stima 2004;

(iv) is-snin ta' stima li jifdal li fir-rigward tagħhom kumpannija tkun intitolata li tibbenefika mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 5 u 5A ta' l-Att sussegwenti għas-sena ta' stima 2003 għandhom, fil-każ ta' kumpannija li taqa' taħt ir-regolament 31(1)(*ċ*)(i), jiġu kkalkolati wara li jitnaqqsu snin ta' stima li fihom il-kumpannija tkun ibbenefikat mid-disposizzjonijiet tar-regolamenti 4 u 5;

(*e*) f'każ li kumpannija tkun saret hekk intitolata minħabba li din kienet hekk intitolata għall-inċentivi provduti bl-artikoli 18 jew 20 ta' l-Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta, hija tkun intitolata li tnaqqas minn - Kap. 334.

(i) l-ammont ta' dazju pagabbli minnha skond l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, fi jew wara l-1 ta' Jannar 2003, u liema dazju ma kienx ikun dovut skond l-artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta; u Kap. 364. Kap. 334.

(ii) l-ammont ta' taxxa fuq l-*income* dovut fuq id-dħul taxxabbli, li jkun ġej mill-kummerċ jew negozju eżerċitat ġewwa port ħieles skond ma jipprovdi l-artikolu 11 ta' l-Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta, għas-snin ta' stima sussegwenti għas-sena ta' stima 2003, l-ammont ta' krediti ta' taxxa u meta l-krediti ta' taxxa, għas-sena ta' stima 2004 u snin ta' stima sussegwenti, ikunu jeċċedu tali dazju u/jew tali dħul fuq it-taxxa dovuta minn tali kumpannija fi jew għal dik is-sena, l-eċċess għandu jiżdied bil-persentaġġ imsemmi fl-ewwel proviso għar-regolament 5(12) u l-ammont hekk miżjud għandu jkun l-ammont illi l-kumpannija tkun intitolata tnaqqas mill-ammont ta' tali dazju u/jew tali dħul fuq it-taxxa pagabbli minnha fi snin ta' stima sussegwenti: Kap. 334.

Iżda kumpannija tkun intitolata għall-benefiċċju pprovdut b'dan il-paragrafu matul iż-żmien kollu li hija tibqa' kumpannija li topera taħt liċenza f'port ħieles skond l-Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta sakemm tkun tissodisfa l-kondizzjonijiet, kif provduti f'dak l-Att, illi tali kumpannija kien ikollha tissodisfa sabiex hija tkun tista' tikkwalifika għall-eżenzjonijiet provduti b'dawk l-artikoli 18 u 20 ta' l-Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta; Kap. 334.

(*f*) il-jedd li jkollha kumpannija biex tpaċi l-krediti ta' taxxa kontra taxxa fuq l-*income* pagabbli mill-istess kumpannija bil-mod pprovdut f'dan ir-regolament, jiġi eżerċitat wara illi jiġu applikati l-benefiċċji l-oħra kollha li minnhom tista' tgawdi l-kumpannija skond l-Att u dawn ir-regolamenti.

(2) Id-disposizzjonijiet tar-regolament 5(14) u (15) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-krediti ta' taxxa u referenzi f'dawk is-subregolamenti għal krediti ta' taxxa fuq l-investiment għandhom jinftehmu bħala li qed jirreferu għal krediti ta' taxxa.

Inċentivi speċjali għal intrapriżi ta' daqs żgħir jew medju.
*Miżjud: A.L. 98 ta' l-2003. Emendat: A.L. 128 ta' l-2003; A.L. 424 ta' l-2007.*

**38.** (1) F'każ li kumpannija kwalifikanti -

(*a*) tikkwalifika bħala intrapriża ta' daqs żgħir jew medju;

(*b*) tissodisfa l-kondizzjonijiet imsemmija fir-regolament 31(1)(*b*) jew (*ċ*),

dik il-kumpamnnija tkun intitolata, soġġett għall-approvazzjoni tal-Korporazzjoni, għall-benefiċċji pprovduti b'dan ir-regolament minflok il-benefiċċji pprovduti bir-regolamenti 3 u 4:

B'dan iżda kumpannija li tibbenefika mid-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament ma tkunx intitolata għall-benefiċċji pprovduti bir-regolamenti 4, 5 u 6.

(2) Kumpanija li tissodisfa il-kondizzjonijiet stipulati fis-subregolament (1) minħabba li tali kumpannija tkun intitolata għal benefiċċju pprovdut bl-artikolu 4 ta' l-Att tkun, sas-sena ta' stima 2012, eżenti mit-taxxa fuq l-*income* dovut fuq id-dħul taxabbli tagħha, u li jkun ġej mill-kummerċ jew negozju tagħha, għas-snin ta' stima konsekuttivi, li jkunu jifformaw parti mill-għaxar snin ta' stima konsekuttivi oriġinali msemmija fl-artikolu 4(1) ta' l-Att, sussegwenti għas-sena ta' stima 2003, b'dan li l-kumpannija tissodisfa l-kondizzjonijiet ta' l-imsemmi artikolu 4 ħlief għall-kondizzjoni stipulata fil-paragrafu (*b*) tas-subartikolu (1) ta' l-imsemmi artikolu 4.

(3) Kumpannija li tissodisfa il-kondizzjonijiet stipulati fis-subregolament (1) minħabba li kienet intitolata għall-benefiċċji pprovduti bl-artikolu 5 ta' l-Att għandha, għas-snin ta' stima li jifdal u li għalihom il-kumpannija tkun għadha intitolata li tibbenefika mill-inċentivi pprovduti fl-imsemmi artikolu 5 sussegwenti għas-sena ta' stima 2003, tkun intitolata, sas-sena ta' stima 2012, għal tnaqqis ta' l-ammont sħiħ jew ta' proporzjon ta' l-ammont ta' taxxa fuq l-*income* dovut fuq id-dħul taxxabli li jkollha u li jkun ġej mill-kummerċ jew negozju tagħha; u "l-ammont sħiħ jew proporzjon ta' l-ammont ta' taxxa fuq l-*income* dovut" għandu jiġi determinat billi jiġi moltiplikat l-ammont sħiħ ta' taxxa fuq l-*income* dovut fuq id-dħul taxxabbli tal-kumpannija li jkun ġej mill-kummerċ jew negozju tagħha b'persentaġġ li jiġi kkalkolat billi tiġi diviża it-taxxa fuq l-*income* dovuta f'xi sena ta' stima, skond kif jista' jiġi determinat mill-kumpannija, bejn is-sena ta' stima 1995 u s-sena ta' stima 2003, li dwarhom il-kumpannija tkun ikkwalifikat għall-inċentiv kif provdut bl-artikolu 5 ta' l-Att, bit-taxxa fuq l-*income* li kieku kienet tkun pagabbli mill-kumpannija fin-nuqqas ta' dak l-inċentiv, u l-frazzjoni li tirriżulta titnaqqas minn numru

wieħed (1), u r-riżultat għandu jiġi moltiplikat b'100:

Iżda meta kumpannija turi, u l-Korporazzjoni tkun hekk sodisfatta, li l-persentaġġ kif kalkolat skond id-disposizzjoni hawn qabel imsemmija jkun sostanzjalment differenti minn dak raġonevolment mistenni mill-kumpannija, il-Korporazzjoni tista' tapprova persentaġġ differenti bbażat fuq il-provi pprovduti mill-kumpannija.

(4) Kumpannija li tissodisfa l-kondizzjonijiet stipulati fis-subregolament (1) għax kienet intitolata għall-benefiċċji pprovduti bl-artikolu 5A ta' l-Att għandha, għas-snin ta' stima li jifdal li dwarhom il-kumpannija tkun għadha intitolata li tibbenefika mill-inċentivi provduti bl-imsemmi artikolu 5A sussegwenti għas-sena ta' stima 2003, tkun intitolata, sas-sena ta' stima 2012, għal tnaqqis ta' l-ammont sħiħ jew proporzjon ta' l-ammont ta' taxxa fuq l-*income* dovut fuq id-dħul taxxabbli tagħha li jkun ġej mill-kummerċ jew negozju tagħha; u "l-ammont sħiħ jew proporzjon ta' l-ammont ta' taxxa fuq l-*income* dovut" għandu jiġi determinat billi jiġi moltiplikat l-ammont sħiħ ta' taxxa fuq l-*income* dovut fuq id-dħul taxxabbli tal-kumpannija, li jkun ġej mill-kummerċ jew negozju tagħha, b'persentaġġ li jiġi kkalkolat billi tiġi diviża t-taxxa fuq l-*income* dovuta f'xi sena ta' stima, skond ma jista' jiġi determinat mill-kumpannija, bejn is-sena ta' stima 1995 u s-sena ta' stima 2003, li dwarhom il-kumpannija tkun ikkwalifikat għall-inċentiv provdut bl-artikolu 5A ta' l-Att, bit-taxxa fuq l-*income* li kieku kienet tkun pagabbli mill-kumpannija fin-nuqqas ta' dak l-inċentiv, u l-frazzjoni li tirriżulta titnaqqas minn numru wieħed (1), u r-riżultat għandu jiġi moltiplikat b'100:

Iżda meta kumpannija turi, u l-Korporazzjoni tkun hekk sodisfatta, li l-persentaġġ kif kalkolat skond id-disposizzjoni fuq imsemmija jkun sostanzjalment differenti minn dak raġonevolment mistenni mill-kumpannija, il-Korporazzjoni tista' tapprova persentaġġ differenti bbażat fuq il-provi pprovduti mill-kumpannija:

Iżda wkoll il-jedd għal tali tnaqqis għandu jkun jiddependi fuq jekk il-kumpannija tkunx issodisfat il-kondizzjonijiet stipulati fis-subartikolu (1) ta' dak l-artikolu 5A għal dik is-sena ta' stima.

(5) Għall-finijiet tas-subregolamenti (3) u (4):

(*a*) kumpannija li kienet tkun intitolata tibbenefika mill-inċentivi pprovduti bl-artikoli 5 u 5A f'xi sena ta' stima bejn is-sena ta' stima 1995 u s-sena ta' stima 2003, iżda li ma tkunx ibbenefikat biss minħabba fil-fatt li ma kellhiex xi dħul taxxabbli, għandha titqies bħala kumpannija li kienet tikkwalifika għall-inċentiv provdut bl-artikolu 5 jew 5A ta' l-Att, skond il-każ, u d-dħul taxxabbli għal dik is-sena ta' stima għandu jiġi stmat li jkun ta' €232.94;

(*b*) għall-finijiet li jiġi determinat il-persentaġġ hemm imsemmi, it-taxxa fuq l-*income* dovuta f'xi sena ta' stima bejn is-sena ta' stima 1995 u s-sena ta' stima 2003 għandha tiġi kalkolata abbażi li l-profitti fiż-żmien bażi msemmi fl-artikolu 5(2) ta' l-Att jitqiesu li

jkunu żero.

(6) Kumpannija li tissodisfa l-kondizzjonijiet stipulati fis-subregolament (1) minħabba f'li hija kienet intitolata għall-benefiċċji pprovduti bl-artikoli 18 jew 20 ta' l-Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta - Kap. 334.

(i) għandha, sal-31 ta' Diċembru 2011, tkun eżentata mill-ħlas ta' dazji imposti skond l-Att dwar Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti bl-istess mod kif kienet tkun eżentata mill-ħlas ta' tali dazju skond l-artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta; u Kap. 364. Kap. 334.

(ii) għandha, sas-sena ta' stima 2012, tkun eżentata mill-ħlas ta' taxxa fuq l-*income* dovuta fuq id-dħul taxxabbli tagħha li jkun ġej mill-kummerċ jew negozju li jkun qed jiġi eżerċitat ġewwa port ħieles konformement mad-disposizzjonijiet ta' artikolu 11 ta' l-Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta, għas-snin ta' stima sussegwenti għas-sena ta' stima 2003: Kap. 334.

Iżda kumpannija tkun intitolata għall-benefiċċju pprovdut b'dan is-subregolament għal matul iż-żmien kollu sakemm din tibqa' kumpannija li topera f'port ħieles taħt liċenza lilha maħruġa taħt l-Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta, u sakemm tkun tissodisfa l-kondizzjonijiet, kif stipulati fl-Att, illi tali kumpannija kien ikollha tissodisfa biex hija tkun tista' tikkwalifika għall-eżenzjonijiet ipprovduti bl-imsemmija artikoli 18 u 20 ta' l-Att dwar il-Portijiet Ħielsa ta' Malta. Kap. 334.

(7) Id-disposizzjonijiet tar-regolament 31(2) sa (6) għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal dan ir-regolament kif japplikaw għar-regolament 31.

(8) Profitti li jiġu meħlusa mit-taxxa skond id-disposiżżjonijiet ta' dan ir-regolament għandhom, għall-iskopijet ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, jiġu allokati għal kont intaxxat f'Malta u mad-distribuzzjoni jkunu eżentati mit-taxxa fuq l-*income* bl-istess mod bħal ma huma d-dividendi msemmija fl-artikolu 9 ta' l-Att. Kap. 123.

(9) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 25 ta' l-Att għandhom, sa fejn huma applikabbli, japplikaw għall-inċentiv ipprovdut b'dan ir-regolament.

(10) Il-benefiċċju pprovdut b'dan ir-regolament ma jibqax japplika fir-rigward ta' kumpannija li ma tibqax tikkwalifika bħala intrapriża żgħira jew ta' daqs medju minħabba l-fatt li din tkun ingħaqdet ma' kumpannija oħra jew xi kumpannija tkun ingħaqdet magħha jew bħala konsegwenza talli hi tkun akkwistat xi negozju ieħor.

Limitazzjoni fl-applikabilità tar-regolamenti 31 sa 38.
*Miżjud: A.L. 98 ta' l-2003.*

**39.** (1) Id-disposizzjonijiet tar-regolamenti 31 sa 38 ma għandhomx ikunu applikabbli fir-rigward ta' kumpannija kwalifikanti għal xi sena ta' stima jekk, fil-perjodu ta' kontjar li jispiċċa fis-sena ta' stima preċedenti, kien hemm bidla materjali fl-attivitajiet kummercjali ta' dik il-kumpannija kwalifikanti.

(2) Ċertifikat maħruġ mill-Korporazzjoni li jikkonferma li ma

kienx hemm bidla materjali fl-attivitajiet ta' kumpannija kwalifikanti, jkun evidenza konkluživa ta' dak il-fatt.

Limitazzjoni fl-applikabilità ta' ċerti inċentivi. *Miżjud: A.L. 98 ta' l-2003.*

L.S. 325.06

**40.** L-inċentivi pprovduti bl-artikoli 6 u 7 ta' l-Att u bir-regolamenti 6, 8, 9, 10, 11 u 28 jkunu għad-disposizzjoni ta' intrapriżi li l-kummerċ jew negozju tagħhom jikkonsisti f'biedja, sajd u akwakultura, jew tiswija ta' vapuri jew produzzjoni ta' azzar, karozzi, vapuri jew fibri sintetiċi, sakemm l-assistenza tiġi meqjusa mill-Bord ta' Sorveljanza fuq l-Għajnuna mogħtija mill-Istat bħala li hija għajnuna kompatibbli a tenur tar-Regolamenti dwar Sorveljanza ta' Għajnuna mogħtija mill-Istat.

Spiża komuni. *Miżjud: A.L. 98 ta' l-2003. Emendat: A.L. 128 ta' l-2003.*

**41.** Fejn l-ispejjeż u l-infiq huma eliġibbli b'mod sħiħ jew parti minnhom taħt diversi skemi li jagħtu titolu għal kreditu ta' taxxa taħt ir-regolamenti 32 sa 35, l-ispiża komuni għandha tiġi kkonsidrata darba biss taħt l-iskema li tipprovdi l-iktar benefiċċju favorevoli.

Dati ta' notifikazzjoni. *Miżjud: A.L. 98 ta' l-2003.*

**42.** Fejn f'dawn ir-regolamenti jew fl-Att, il-Korporazzjoni għandha tiġi notifikata sa data speċifika, il-Korporazzjoni tista' tippermetti li tiġi notifikata sa data oħra.

Profitti intaxxati b'rati mnaqsa. *Miżjud: A.L. 128 ta' l-2003. Emendat: A.L. 424 ta' l-2007.*

**43.** (1) B'effett mis-sena ta' stima 2004, il-profitti li għandhom jiġu intaxxati b'rati mnaqqsa ta' taxxa skond id-disposizzjonijiet ta' regolament 4 jew 6 ma għandhomx, f'xi sena ta' stima rilevanti, jeċċedu l-ammont li jirriżulta billi jiġi moltiplikat l-għadd ta' impjegati bi:

(*a*) €58,234.33, jew dak l-ammont ogħla li jista'jirriżulta mill-aġġustamenti msemmija fis-subregolamenti (2) u (3), meta l-profitti jiġu intaxxati bir-rata ta' 5%;

(*b*) €65,222.46, jew dak l-ammont ogħla li jista' jirriżulta mill-aġġustamenti msemmija fis-subregolamenti (2) u (3), meta l-profitti jiġu intaxxati bir-rata ta' 10% jew 15%.

Kap. 158.

(2) L-ammonti ta' €58,234.33 u €65,222.46 imsemmija fis-subregolament (1) huma kkwotati bħala prezzijiet għall-2002 u dawn l-ammonti għas-sena ta' stima 2004 għandhom jiżdiedu b'perċentaġġ li jkun ugwali għaż-żieda perċentwali fl-indiċi ta' l-inflazzjoni, skond l-artikolu 13 ta' l-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar, għal matul l-2003. Għas-snin ta' stima sussegwenti, dawn l-ammonti għandhom jiżdiedu b'perċentaġġ li jkun ugwali għaż-żieda perċentwali fl-indiċi ta' l-inflazzjoni, skond l-artikolu 13 ta' l-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar, mill-2002 sas-sena kalendarja preċedenti għas-sena ta' stima sussegwenti rilevanti:

Kap. 372.

Iżda jekk l-indiċi ta' l-inflazzjoni għal xi sena partikolari ma jkunx għadu ġie ppublikat qabel id-data li kumpannija tippreżenta l-prospett tat-taxxa fuq l-*income* għal sena ta' stima, l-indiċi ta' l-inflazzjoni għal dik is-sena għandu proviżorjament jiġi meqjus li jkun l-indiċi ta' l-inflazzjoni tas-sena ta' qabel u ladarba l-indiċi ta' l-inflazzjoni għal dik is-sena in kwistjoni jkun ġie ppubblikat, il-kumpannija tkun tista' tagħmel prospett ulterjuri skond l-artikolu 13 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

(3) Meta f'xi sena ta' stima rilevanti l-ammont ta'profitti li jiġu intaxxati b'rata mnaqqsa ta' taxxa fuq l-*income* skond ir-

regolament 4 jew 6, ikun inqas mill-ammont applikabbli stipulat skond is-subregolament (1), kif aġġustat:

(*a*) bis-subregolament (2); u

(*b*) b'dan is-subregolament rigward is-sena ta' stima preċedenti għas-sena ta' stima rilevanti, dak in-nuqqas għandu jiġi miżjud bil-perċentaġġ msemmi fl-ewwel *proviso* tar-regolament 5(12) u dak l-ammont miżjud għandu jiġi magħdud ma' l-ammont indikat fis-subregolament (1) kif aġġustat bis-subregolament (2) għas-sena ta' stima sussegwenti għas-sena ta' stima rilevanti.

(4) L-għadd ta' impjegati msemmija fis-subregolament (1) għandhom ikunu l-impjegati tal-kumpannija, li tagħmel it-talba li hemm provdut dwarha bir-regolamenti 4 u 6, matul il-perjodu ta' kontijiet li jintemm fis-sena preċedenti għas-sena ta' stima rilevanti u dak l-għadd ta' impjegati jiġi stabbilit skond id-disposizzjonijiet tar-regolamenti 3(8) u 3(9).

(5) F'dan ir-regolament "sena ta' stima rilevanti" tfisser is-sena ta' stima li dwarha għandhom jiġu applikati d-disposizzjonijiet ta' regolament 4 jew 6.

(6) Fil-kuntest tad-disposizzjonijiet tat-tielet *proviso* mar-regolament 4(1) u t-tielet *proviso* mar-regolament 6(1), il-Ministru qiegħed hawnhekk jistabilixxi illi l-aħħar sena ta' stima li dwarha d-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti 4 u 6 għandhom ikunu applikabbli, għandha tkun is-sena ta' stima 2009.